**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 167/2020**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Elton Edward Xuereb**

**Illum, 17 ta' Gunju, 2025**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Elton Edward Xuereb** detenur tal-karta tal-identita Maltija **0188578M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il-11 ta' April,2020, ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar (15;30HRS), gewwa Numru 1,Sqaq Stagno,Hal Qormi u f'dawn il-gzejjer:

1. Minghajr kunsens ikkommetta kongungiment karnali, jigifieri penetrazzjoni vaginali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-gisem u/jew oggett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali, tal-gisem ta' persuna ohra u cioe Liliana Zammit;

2. Volontarjamnt ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Liliana Zammit skond kif iccertifikat minn Dr.Maria Brincat, Med.Reg.No.6070, gewwa c-Centru tas-Sahha tal-Floriana;

3. Irrenda ruhu recidiv ai termini ta l-artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta. Wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittiv u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba li f'kaz ta' htija sabiex tordna lill-hati sabiex ihallas lil Liliana Zammit ammont ta' flus kif jista' jigi stabbilit mill-Qorti bhala kumpens ghal xi danni jew offiza jew hsara ohra, inkluz hsara morali u/jew psikologika, kagunati lil-istess Liliana Zammit u dan ai termini tal-Artikoli 15A u 198 (4) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbiliti mill-Ligi, ordnat lil-imsemmi Elton Edward Xuereb sabiex, jekk ikun il-kaz,ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikoli 412C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' Liliana Zammit u l-familjari taghha,kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma ' kull piena li l'Qorti jidrilha li hija xierqa;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 382A,383,384 u 385 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' Liliana Zammit  hawn fuq imsemmija u l-familjari taghha;

Rat is-sentenza tal-Qorti  tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-20 ta' Settembru ,2023, Ghal dawn ir-raġunijiet, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 27, 31, 49, 50, l-ewwel u it- tieni provisos ta' l-artikolu 198(1), 198(3), 214, 215

u 221(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u konsegwentement ikkundannatu għall-perijodu ta' ħames (5) snin prigunerija effettiva. Għalkemm il-Qorti giet mitluba tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 15A u 198(4) tal- Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u minkejja l-fatt li mir-Relazzjoni ta' l-Espert Psikjatra Dr. Joseph Cassar jirriżulta li Liliana Zammit b'konsegwenza tar-reati imwettqa kontriha mill-imputat qed issofri minn Post Traumatic Stress Disorder b'rata ta' dizabilità ta' 3- 8%, din il-Qorti ma tqisx li tinsab f'posizzjoni adegwata biex tillikwida danni, inkluż danni morali u/jew psikoliġiċi, kawżati lil Liliana Zammit bir-reati in kwistjoni u dana billi ma tressqet l-ebda prova, għajr għar-Relazzjoni ta' l-Espert Psikjatra Dr. Joseph Cassar, li però waħedha ma hijiex suffiċjenti, in bażi għal liema appuntu tista' ssir tali likwidazzjoni. Konsegwentement għalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 15A u 198(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil- konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Liliana Zammit. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għal perijodu ta' tlett (3) snin, li jibda jiddekorri minn dakinhar li l-imputat jiskonta l-piena ta' prigunerija imposta fuqu b'din is-sentenza, u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f' Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jigi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha. A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill- kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè ftali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u prigunerija flimkien. In vista tal-ħruġ ta' dan l-Ordni ta' Trażżin, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat- talba ai termini ta' l-Artikoli 383, 384, 385 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat iħallas is-segwenti ammonti rappreżentanti spejjeż in konnessjoni mal-ħatra ta' Esperti f'dawn il-proċeduri:

• L-ammont komplessiv ta' €933.42 in konnessjoni mal-ħatra ta' l-Espert Tekniku Keith Cutajar; u

• L-ammont ta' €340 in konnessjoni mal-ħatra ta' l-Espert Psikjatra Dr. Joseph Cassar

Komplessivament ammontanti ghal €1,273.42.

Ai termini tal-provvedimenti tal-Kap 518 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat sabiex l-imputat illum appellant, jitnizzel fuq ir-Registru indikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

In fine l-Qorti ordnat ukoll li isem l-imputat u tal-vittma Liliana Zammit ma jixxandrux fil-mezzi tax-xandir u/jew fil-gazzetti, inkluz kwalunkwe format online ta' l-istess.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Elton Edw+ard Xuereb , preżentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-9 ta' Ottubru ,2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tirrevoka u thassar is-sentenza msemmija u tilliberah minn kull htija u piena,jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkoncerna l-piena.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-Qorti tal-Magistrati, fis-sentenza taghha, ghamlet evalwazzjoni parzjali tal-provi li gew prodotti mill-partijiet f'din il-kawza u wasslet ghal konkluzjoni distakkata mir-rizultanzi fattwali li emergew tul il-proceduri. Apparti minn hekk, il-Qorti skartat is-sottomissjonijiet tad-difiza bl-istess facilità li biha accettat dak kollu li ntqal minn Liliana Zammit.

Illi nonostante process pjuttost voluminuz, l-att meritu ta' din il-kaz huwa wiehed: penetrazzjoni fil-parti privata ta' Zammit bis-saba' ta' l-esponent. Il-kommissjoni ta' dan l- att ma giex u ma huwiex qed jigi kontestat mill-esponent. Il-kontenzjoni tirrigwarda biss il- konsenswalità ta' l-att, fis-sens li l-esponent fermament jikkontendi li dan l-att sar bil- kunsens assolut ta' Zammit. Kif solitament jigri f'dawn il-kazijiet, l-unici persuni prezenti ghall-att de quo kienu l-esponent u Liliana Zammit. Dan necessarjament ifisser li d-decizjoni ta' jekk l-penetrazzjoni saritx konsenswalment o meno jiddependi mill-kredibilità tal- partijiet, minn evidenza forensika u minn evidenza ohra korroboranti. Ghal ragunijiet li ser jigu spjegati f'dan ir-rikors, l-esponent, rinfaccat bl-allegazzjoni inveritjera li l-att inkriminat ma kienx wiehed volut, gie zvestit milli jipproduci evidenza forensika u evidenza ohra korroboranti sabiex jipprova l-innocenza tieghu. Ghandu bilfors jigi rilevat li f'kazijiet bhal dak in dizamina, fejn atti sesswali jkunu saru precedentement u konsenswalment bejn il-partijiet fil-kawza, min jinvestiga u min eventwalment jevalwa l-provi ghandu jezamina b'mod akkurat u minizzjuz il-fatti kollha, antecedenti, konkomitanti u sussegwenti, li jiffurmaw u jiccirkondaw l-att allegat. Meta jkun evidenti li l-bazi tad-dizgwid bejn il-partijiet ikun jemani minn ghira ghal persuna jew ghal persuni ohra, l-ezami msemmi ghandu jsir b'attenzjoni u b'cirkospezzjoni kbira. Sfortunatament f'dan il-kaz mhux hekk sar. L-investigazzjoni kienet wahda li, kif ser jigi spjegat, holqot pregudizzju lill-esponent f'dak illi jirrigwarda l-evidenza li seta' talvolta jipproduci sabiex jezimi ruhu minn dak li kien qieghed jigi falsament allegat fil-konfront tieghu. U, iktar gravi minn hekk, l-ezami tal-provi sar predominantement a bazi ta' dak li ntqal minn Zammit, a bazi tal-marki li kellha fuqha u a bazi ta' l-istat mentali taghha. Ma huwiex qieghed jinghad li dawn il-provi kellhom jigu mwarrba; li qieghed jinghad hu li hemm kwantità ta' provi ohra li jinnewtralizzaw u/jew jispjegaw dawn it-tlett fatturi li ma nghatawx id-debita konsiderazzjoni mill-Qorti tal-Magistrati.

Illi, qabel xejn, ghandu jigi rilevat li l-istat mentali ta' Liliana Zammit gie ezaminat minn espert mahtur mill-Qorti tal-Magistrati, il-Psikjatra Dr Joseph Cassar. Dan l-espert ikkonstata li kienet qed issofri minn ansjetà u nevrosi trawmatika u kkonkluda

bid-dijanjosi ta' PTSD. Naturalment dan l-espert fl-ebda mument ma allacca din id-dijanjosi ma' dak li sehh fil-11 ta' April, 2020 u ghalhekk l-esponent jissottometti li evalwazzjoni serja u holisitka tal-provi juri li huwa ferm probabbli, kif ser jigi spjegat, li tali dijanjosi setghet issir qabel dikil-gurnata u, semmai u fl-aghar ipotesi ghall-esponent, giet amplifikata bil-fatt li ttiehdet decizjoni, da parti taghha, li tmur ghand il-Pulizija sabiex taghmel garanzija u taqta' minn kollox minn mieghu. Ezami ta' l-iskambji bejn il-partijiet, u ezami tax-xiehda taghha, juru li d-decizjoni li taqta' darba ghal dejjem minn mieghu kienet wahda sofferta hafna u kienet konsegwenza tal-fatt li l-esponent ma riedx icedi li jaqta' l-kuntatti li kellu ma' Joanne Zammit u ma' Ramona Saliba.

Illi l-ewwel kwistjoni li kellha tigi ezaminata, u li fil-fatt ma gietx ezaminata, kien jekk fil-11 ta' April, 2020 l-esponent u Liliana Zammit kienux frelazzjoni flimkien. Ma kellu qatt jigi accettat, minghajr ezami serju, li dakinhar ir-relazzjoni kienet spiccat. Zammit tghid li "[g]hamilna qisu mill-ahhar ta' Lulju sa' Jannar, Frar flimkien, imbaghad iktar nghid li konna hbieb". Meta l-esponent, waqt l-interrogatorju tal-Pulizija, gie mistoqsi kemm kienu ilhom johorgu flimkien, huwa rrisponda hekk: "Nahseb sas-sibt wara li kellna t-telefonata [11 ta' April, 2020] flimkien konna ghadna nohorgu flimkien avolja hi kienet tghid li m'ghadniex flimkien. Sa ftit gimghat qabel kienet qed taqla l-paroli ghax jien kont qed immur hdejn it-tfal ghax kellhom bzonn xi affarjiet. Ghandi wkoll messaggi li hi kienet tallega li kelli relazzjoni ohra ma' omm it-tfal u kif ukoll mal-eks partner tieghi Ramona Saliba ghax ghadna hbieb".

Illi huwa evidenti minn dawn il-brani li ma hemmx qbil bejn l-esponent u Liliana Zammit dwar jekk fil-11 ta' April, 2020 kienux frelazzjoni flimkien. Huwa daqstant evidenti, mid- dokumenti esibiti fl-atti, li nonostante Zammit ipprovat tpingi stampa ta' relazzjoni interotta minhabba difetti karatterjali ta' l-esponent, huwa l-esponent li huwa korrett fl-analizi tieghu li dakinhar kienu ghadhom f'relazzjoni flimkien. Fid-dokument li jinsab a fol 388 ta' l-atti processwali, kartolina ta' Valentine's Day mibghuta proprju fl-14 ta' Frar, 2020, wiehed jista' jara li Zammit tghid hekk: "*it's the best adventure that I have been through, I see you as my friend, that special friend, that one*

*that I can't get rid of him. That one that I can't say no when I see him face to face. That perfect partner for me. I treasure every moment with you. We have so much memories*" (sottolinear ta' l-esponent). Jekk qatt kien hemm xi dubju dwar jekk il- jum ta' San Valentinu huwiex ic-celebrazzjoni tal-mahbubin - u mhux tal-hbiberija - fl-10 ta' Marzu, 2020, fil-birthday ta' l-esponent, Zammit baghtitlu kartolina ohra fejn awguratlu ghal gheluq sninu, qaltlu li thobbu, u ghalqet bil-kliem "*[h]ere is to more years and memories of being together*" (vide fol 389 ta' l-atti processwali).

Illi ftit granet qabel l-10 ta' Marzu, 2020 Zammit uriet ix-xewqa li tmur btala gewwa l-Marokk ma' l-esponent (vide konversazzjonijiet fuq Facebookipprezentati mill-esponent u mmarkati bhala Dok EX3 (fols 392 u 393 ta' l-atti processwali). Fit-18 ta' Marzu, 2020, Zammit, waqt konversazzjoni ma' l-esponent fuq il-Facebook, bdiet issemmi kif ser tiffissa fuq il-Marokk. L-esponent irrispondiha billi qal "*kif jadi [COVID-19] imorru*". Fit-2 ta' April, 2020, Zammit regghet fakkret lill-esponent u qaltlu "*Alkemm ninota li mhux kuljum tqisni l-istess, jien qeda nibatlek dan l-photo biex tara xi sbuhija hemm fil-Marokk*!". Addirittura, fit-8 ta' April, 2020, u cioè tlett-ijiem qabel l-allegazzjoni, kif ser jigi spjegat, kienu qed jiddiskutu l-attività sesswali li jmiss.

Illi wiehed ma jistax logikament ma jistaqsix x'kienet ir-raguni li Zammit ipprovat tpingi stampa ta' relazzjoni tronkata meta dan jikkozza mal-fatti storici pprezervati fl-atti processwali. Effettivament tista' tkun f'relazzjoni u xorta tikkommetti r-reat ta' stupru; però l-punt huwa iehor. Huwa evidenti li Zammit ippruvat tibni l-istorja taghha ta' nuqqas ta' kunsens minn xahrejn qabel mentri l-provi juri stampa differenti. Il-kredibilità taghha kellha necessarjament tigi ezaminata wkoll minn din l-ottika. Sfortunatament il-Qorti dan m'ghamlitux. Il-Qorti accettat il-verzjoni taghha minghajr ma analizzat kif Zammit bdiet tibni din l-istorja taghha b'fatti antecedenti inveritjeri sabiex, kif jghid il-Malti, iggib il-bocca qrib il-likk.

Illi l-Qorti lanqas ma analizzat wahda mill-iktar cirkostanzi dubjuzi u illogici proposti minn Liliana Zammit. Ezattament x'marret taghmel fir-residenza ta' l-esponent fil-11 ta' April, 2020 fejn addirittura ghamlet hin konsiderevoli tistennih ghaliex kien

ittardja? Zammit spjegat ir-raguni tal-mawra taghha b'dan il-mod: "*Fil-11 ta' April ta' din is-sena 2020 ma konniex ghadna flimkien però konna ghadna nitkellmu ghaliex kelli xi affarjiet, kelli 1-kompressur allura konna ghadna nitkellmu ghax ried igibli xi affarjiet*". Iktar tard tkompli hekk: *"... u ghar-ragunijiet validi li bhal speci ridt nikkalma s-sitwazzjoni u niehu l-affarjiet tieghi lura...*". Zammit spjegat ukoll li l-proposta originali ta' l-esponent kienet li jiltaqaw il-Fawwara. Ir-risposta taghha kienet "*le ghax hafna shana*". U hawnhekk il-gidba evidenti ta' Zammit giet kompletament injorata mill-Qorti. Li kieku kienet qed tghid il-verità kienet tinfurma lill-esponent li l-iskop tal-visita taghha kienet ghaliex riedet tigi tiehu l-kompressur li ma kienx qieghed il-Fawwara izda kien qieghed Hal-Qormi. Is-shana ma kellha x'taqsam xejn! Ghaliex zeffnet is-shana fin-nofs? Barra minn hekk, kieku l-verzjoni ta' Liliana kellha mill-verta', Zammit ma kelliex bzonn titla fuq ghand l-esponent sabiex tiehu l-kompressur. Dan setghat facilment haditu billi baqat isfel. U huwa f'd is-sens li l-esponent jikkontendi li c-cirkostanzi kollha tal-kaz kellhom jigi ezaminati b'mod attent u minizzjuz.

Illi gidba ohra evidenti ta' Zammit kienet li riedet tmur ghand l-esponent sabiex "*bhal speci nikkalma s-sitwazzjoni*". Fl-ebda mument ma spjegat x'kienet is-sitwazzjoni li riedet tikkalma; dan ghaliex ma kien hemm xejn x'jigi kkalmat. Zammit riedet tpingi stampa ta' alterkazzjoni fantomika sabiex tibni u tissostanzja t-tezi inveritjiera taghha ta' nuqqas ta' kunsens. U, ghal darb'ohra, dan il-punt gie kompletament sorvolat mill-Qorti tal-Magistrati.

Illi fatt iehor sorvolat b'mod superficjali mill-Qorti tal-Magistrati kienet l-evidenza li Liliana Zammit kienet effettivament tghir ghar-relazzjoni li l-esponent kellu kemm ma' Ramona Saliba kif ukoll ma' Joanne Zammit. Din l-ghira kienet evidentement il-katalista tar-rapport li Liliana Zammit ghamlet mal-Pulizija. Wiehed ma jistax jinsa' li r-rapport sar fuq suggeriment ta' huha Antoine Zammit u tal-mara tieghu Flavia Zammit. Liliana Zammit xehdet li marret taghmel ir-rapport sabiex "*naghmel garanzija biex ma jkollix iktar x'naqsam mieghu*". U ghalhekk l-ghira li kellha ghaz-zewg persuni msemmija tassumi importanza notevoli fl-ezami li kellu necessarjament isir ta' l-intenzjonijiet nefasti taghha. U din l-ghira ma hijiex fantasija ta' l-esponent ghaliex hija

ammessa mill-istess Zammit iktar minn darba, anke fuq domanda tal-Qorti dwar ir-relazzjoni anormali - skond hi - li kellu mat-tfal tieghu u ma' omm it-tfal (vide fols 263-264). Din l-ghira tirrizulta wkoll minn diversi dokumenti li jinsabu fl-atti. Fosthom, issir referenza ghall-konversazzjoni ta' l-4 ta' Frar, 2020 (vide fols 405 sa 407 ta' l-atti processwali) minn fejn tohrog ir-rabja taghha ghar-relazzjoni li l- esponent kellu ma' Ramona Saliba:

> ***LZ** No I'm sorry... mhux djm lil Ramona sibt, qalbi! Mela ibatila is soltu, u ara hi xtahseb... jien qatt ma mort incempel lil min Kelli biex niftah qalbi. Djm lijlek sibt. Ragel ingrad ta veru, u ma tafx tibza al dak li jkollok!*
> *Feb 4, 2020, 6:57 PM*
>
> ***EX** Jien lijlek andi Kompli wegani*
> *Feb 4, 2020, 6:59 PM*
>
> ***LZ** Ma nweggak xejn INT weggajt lijli!*
> *Feb 4, 2020, 6:59 PM*
>
> ***LZ** Int qat ma kellek izzom mara ohra!*
> *Feb 4, 2020, 6:59 PM*

Illi jirrizulta minn fol 406 li fl-4 ta' Frar, 2020, Zammit ghamlitha cara li hi setghetx tittollera iktar ir-relazzjoni li kellu l-esponent ma' Saliba. Tghidlu "*Wait and see!*" ... "*Int taf xamilt u min xiex adejt meta qalbitilek Joanne. U int qied tamel listess mieghi ... issa tag xse jigri, jien se ninbidel kif kont inbdilt int! U se thoss. Se thoss hafna!!!*"... "*Adek ma tafx kif haddartni*". Fis- 17 ta' Marzu, 2020 qaltlu "*Le int nehhejtni. jien ma namilx dawn l-affarijiet. Jien kiku xi block namel. Mhux nhasrek. Imma issa fimt sew min int! Ara veru uzata kont min andek ... la ramona l, la dione, la il lizbjana lil hadt ma hassart. Imma issa stenna hafna min andi, hafna!!!!!!!!!*". Imbaghad tkompli "*Ma mmorux il boghod. Kull ma ridt bhal lum. Tkun mieghi, nitkelmu, tibqa hdejja fil kcina u nikkomunikaw. Dak ma kelna xejn. Kont nigi andek, inpoggu fuq s sodda u nipkilek biex tkellimni! Kont qeda nitlob hafna???*".

Illi sa ftit granet qabel il-11 ta' April, 2020, Zammit kienet ghadha targumenta ma' l-esponent dwar ir-relazzjoni tieghu ma' Ramona Saliba. Fis-6 ta' April, 2020 (a fol 399 ta' l-atti processwali) Zammit baghtitlu messagg fejn qaltlu "*Kemm int jaqq!!!! Issa ejja saqsijni! Ma tiflahx taqa iktar an nejk! Ma tiflahx iktar tweggani! Qatt ma kont ragel, u qatt ma tista tkun r-ragel tieghi!!! Ibqa tini halli iktar iggibni bsahti biex nobodok!! Iva nobodok irrid!!!*!!". A fol 398 ta' l-atti processwali tghidlu "*I HATE YOU!!!!!! ... ergajna ma ramona ehhhhhhh ma shajtx twaqqani an nejk...mur ma ramona*". Il-konversazzjoni tispicca b'Zammit tghidlu "*I HATE YOU*" mhux inqas minn tmien darbiet. Imbaghad, bhal "switch", jumejn wara, fit-8 ta' April, 2020, Zammit kellmet lill-esponent dwar is-sess u x'atti sesswali ser jaghmlu lil xulxin meta jiltaqaw (vide fols 400-401 ta' l-atti processwali).

Illi bilkemm hemm għalfejn jinghad li ma hemmx bzonn tkun psikologu biex tifhem li dawn it-tip ta' konversazzjonijiet imorru ben oltre s-semplici hbiberija u juru stampa fattwali diametrikament opposta ghal dik li pprovat tpingi Liliana Zammit. Qed jigi sottomess li, fid- dawl tal-fatt li Zammit marret ghand il-Pulizija fuq suggeriment ta' terzi u bl-intendiment li tottjeni garanzija, u fid-dawl tal-fatt ukoll li fil-11 ta' April, 2020 kellha argument iehor dwar ir-relazzjonijiet li l-esponent kellu ma' persuni ohra, l-animu taghha kellu jigi ezaminat bir- reqqa nonché b'cirkospezzjoni kbira.

Illi gie wkoll ippruvat, anke mill-istess Liliana Zammit, li l-esponent qatt ma kien vjolenti maghha, la fizikament u lanqas verbalment. Anzi, gie ppruvat li jekk qatt kien hemm episodji ta' vjolenza, dan kien min-naha taghha meta tefghet oggett tal-hgieg minhabba xi argument li kellhom bejniethom. Kif xehedu Antoine u Flavia Zammit, wara dan l-episodju, kollox irritorna ghan-normal. Din hija prova ohra li Liliana Zammit kellha dak li l-esponent isejjah bhala "switch", fatt iehor li gie trattat b'leggerezza mill-Qorti tal-Magistrati.

Illi fatt iehor li kien ukoll jimmerita konsiderazzjoni mill-Qorti tal-Magistrati kien il-kliem uzat minn Liliana Zammit ftit hin wara l-allegazzjoni ta' penetrazzjoni minghajr kunsens. Wara li telqet minghand l-esponent hija marret ghand huha Antoine Zammit

u qaltlu li l- esponent kien "irrejpaha". Dan gie kkonfermat minn Flavia Zammit li semghet dan il-kliem minghand it-tifla taghha. Liliana Zammit ma hijiex avukat u wisq anqas ma hija penalista. L- att minnha rakkontat - penetrazzjoni fil-parti privata taghha bis-saba' ta' l-esponent - ma jitqies bhala stupru minn persuna li ma hijiex teknika fil-materja bhalma huma l-gudikanti li jahdmu fil-kamp penali u l-avukati penalisti. Huwa evidenti, minn din ix-xelta ta' kliem, li Zammit hejjiet b'mod attent l-istorja taghha dwar l-agir ta' l-esponent.

Illi fatt ulterjuri li wkoll kien jimmerita konsiderazzjoni mill-Qorti tal-Magistrati hu li Zammit ippruvat tpingi stampa fejn harbet b'diffikulta mir-residenza ta' l-esponent sabiex twaqqaf l-allegata aggressioni, ossia l-abbuz, ta' l-esponent. Huwa straevidenti mill-provi li l-esponent bl-ebda mod ma pprova jwaqqafha milli titlaq. Meta qaltlu biex jieqaf huwa waqaf u ma ghamel ebda tentattiv sabiex izommha fir-residenza tieghu. Sa dak il-punt, kif stqar lill- Pulizija fl-interrogazzjoni tieghu, huwa kien ghadu jemmen li r-relazzjoni taghhom ma kienitx spiccat u li l-agir taghha ma kienx differenti minn dak li kien sehh f'okkazzjonijiet precedenti.

Illi punt iehor ta' importanza kardinali kienet id-dikjarazzjoni tat-tabiba Dr Maria Vassallo Brincat li invistat lil Zammit fil-Poliklinika tal-Furjana. Din ix-xhud sostniet li "*ma kien[x] hemm ghalfejn isir gynae review biex jaraw jekk kienx hemm penetration jew le* *<u>ghaliex hi qalet li waqfitu</u>*" (sottolinear ta' l-esponent). Dan il-punt, li jitfghu dell serju fuq il-kwistjoni tan- nuqqas ta' kunsens, in kwantu jikkorrobora perfettament il-verzjoni ta' l-esponent, gie wkoll sorvolat mill-Qorti tal-Magistrati. Il-kwistjoni tal-penetrazzjoni minghajr kunsens, li hija l- pedament tar-reat ta' stupru, giet dejjem kontestata bil-qawwa mill-esponent. Dan necessarjament ifisser li din id-dikjarazzjoni tax-xhud, li certament ma gietx prodotta mill- prosekuzzjoni sabiex tagevola l-posizzjoni ta' l-esponent, kellha tinghata importanza konsiderevoli fl-evalwazzjoni tal-fatti fid-dawl tal-verzjonijiet opposti moghtija mill- partijiet.

Illi f'dawn l-ahhar snin dahlet il-prassi sana li, f'kazijiet bhal dawn, il-Pulizija titlob li ssir inkjesta magisterjali sabiex il-provi jigu prezervati bl-ahjar mod. Naturalment il-

provi li effettivament jistghu jigu pprezervati f'kazijiet ta' allegazzjonijiet ta' stupru u reati simili huma solitament inqas minn dawk li jistghu jigu pprezervati f'kaz ta' reati bhal, per ezempju, omicidju volontarju, omicidju involontarju jew serq aggravat. Però ma jistax ikun hemm dubju li f'kazijiet ta' kontestazzjoni dwar il-konsenswalità ta' l-att de quo, dawk il-ftit provi jistghu jkunu determinanti ghas-soluzzjoni tal-vertenza li jkollu quddiemu min ghandu jiddeciedi fuq il-fatti. Altrimenti, fejn iz-zewg partijiet ikunu jissodisfaw il-kriterji msemmija fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, il-kwistjoni tirrizolvi ruhha f'lotterija.

Illi f'dan il-kaz l-Ispettur ta' l-Ghassa hass li l-allegazzjonijiet setghu jigu investigati minghajr l-apport ta' esperti forensici u minghajr l-apport tal-membri tal-Vice Squad li huma ben iktar attrezzati u esperjenzati sabiex jevalwaw dawn it-tip ta' allegazzjonijiet. Per ezempju, espert forensiku sabiex janalizza jekk l-esponent kellux DNA ta' Zammit taht id-dwiefer tieghu, kien kategorikament jikkonkludi jekk kienx hemm rezistenza. L-istess jinghad dwar il-hatra ta' espert mediku sabiex jikkonstata jekk kienx hemm *forced penetration*. Ix-xhud Dr Maria Vassallo Brincat qalet minghajr tlaqliq li, apparti l-ftit esperjenza taghha bhala tabiba, ma kienitx "medical or forensic expert" u gustament irrifjutat li tirrispondi domandi li setghu jigu risposti biss minn esperti forensici.

Illi fattur iehor li rreka pregudizzju mhux zghir lill-esponent kienet id-decizjoni mehuda l- Ispettur ta' l-Ghassa, minghajr l-esperjenza inestimabbli tal-membri tal-Vice-Squad, li t-talba, ta' l-esponent li jsir ezami tar-residenza tieghu gewwa Hal-Qormi tigi michuda. Wiehed irid ifakkar li l-esponent, fil-mument li kien gie arrestat, ma kienx jaf li Zammit kienet allegat li fil-11 ta' April, 2020 marret ghandu sabiex tigbor xi affarjiet ta' proprjetà taghha, fosthom kompressur. Li kieku l-Pulizija marru fuq il-post, setghu jivverifikaw jekk kien hemm kompressur u/jew oggetti ohra proprjetà ta' l-esponenti fir-residenza tieghu. L-Ispettur ta' l-Ghassa, sfortunatament, deherlu li ma kienx hemm in-necessità ta' access fir-residenza ta' l-esponent ghaliex, dejjem skond hu, ma kienx hemm provi x'jigu preservati. Skond hu l-Vice Squad jinvestigaw biss kazijiet ta' abbuz fuq minorenni (sic!). Inoltre, skond hu, in-natura

precedenti tar-relazzjoni bejn Zammit u l-esponent kienet irrilevanti. Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li dan il-*modus operandi*, zbaljat ghall-ahhar, kien ta' detriment kbir ghall- esponent in kwantu pprivah minn evidenza li kienet krucjali ghall-ezami kemm tal- kredibilità ta' Liliana Zammit kif ukoll tal-kredibilità tieghu stess.

Illi, addirittura, il-Qorti tal-Magistrati kkritikat lill-esponent dwar ix-xiehda tieghu fir-rigward ta' dak li ma sarx fl-investigazzjoni. Dawn l-osservazzjoni ta' l-esponent ma kienux intizi bhala kritika ta' natura legali izda semplici lament ghall-fatt li kien hu stess li kien talabhom jaghmlu access fid-dar tieghu. Il-Qorti ghamlet referenza ghall-ewwel proviso ghall-artikolu 546 tal-Kodici Kriminali. L-iskop ta' din id-disposizzjoni hija cara fis-sens li tghid li n-nuqqas li ssir inkjesta magisterjali ma huwiex ta' impediment la ghall-azzjoni kriminali u lanqas ghall-ammissibilità tal-provi migbura. L-esponent qatt ma ssottometta li J-azzjoni kriminali hija monka jew li l-evidenza prodotta hija inammissibbli. L-esponent ssottometta semplicement li n-nuqqas li tigi varata inkjesta magisterjali kien ta' detriment ghalih. Kif spjegat, difficilment jista' jigi kontestat li l-hatra ta' espert forensiku u access mhux tardiv fir-residenza tieghu kienu jipproduci evidenza li setghet tghin fis-soluzzjoni tal- vertenza in dizamina, u cioè il-kwistjoni tal-konsenswalità tal-penetrazzjoni meritu tal-kaz. Li kieku, waqt l-investigazzjoni, sar ezami forensiku holistiku tal-mezzi elettronici tal- partijiet, bl-ghajnuna ta' espert mahtur minn Magistrat Inkwirenti, Zammit kienet tigi konfrontata bid-diversi anomaliji li ssemmew fis-sottomissjonijiet ta' l-esponent. Gara però li meta giet konfrontata, fil-kontro-ezamijiet, bid-diversi esternazzjonijiet precedenti taghha, ghazlet li tistrieh fuq il-konfort ta' allegata dimentikanza. Din id-dimentikanza, li verament ghandha mill-inkredibbli, giet ukoll injorata mill-Qorti tal-Magistrati.

Illi wahda mill-iktar cirkostanzi importanti li giet sorvolata mill-Qorti tal-Magistrati kienet l- evidenza dwar il-hajja sesswali bejn Liliana Zammit u l-esponent u z-zmien protratt ta' din il-hajja sesswali. L-esponent xehed dwar dan u, sabiex jikkorrobora dak li kien qieghed jghid, ipprezenta diversi chats. Dawn ic-chats jirriflettu relazzjoni sesswali avventuruza, liema relazzjoni, a kuntarju ta' dak li tghid Zammit, kienet ghada attiva fl-11 ta' April, 2020. Per ezempju, fit-2 ta' April, 2020, Zammit qalet lill-

esponent li ma kienx ghadu jirnexxilu jissodisfaha sesswalment. Wara li kellhom x'jaqsmu flimkien qaltlu "*Qabel iva kont nigi hafna, imma issa lanqas biss adu jqumlek qalbi!!!!*" (a fol 395 ta' l-atti processwali). Il- konversazzjoni tkompli hekk:

> ***EX** Il birah qsamtni*
> *Apr 2, 2020, 9:35 PM*
>
> ***LZ** Lol kiku sew ax kiku forsi kont inehhi naqa mis sahna li andi ux, ghax ilek ma tmissni... anzi, lanqas taf tmissni, ghax kull darba najdlek xi nhobb imma al ta xejn!!!! Ax kemm tiprova iggiba u torqod int!!!*
> *Apr 2, 2020, 9:37 PM*
>
> ***LZ** Ara jien mhux ek... jien avventuruza hafna!!*
> *Apr 2, 2020, 9:37 PM*
>
> ***EX** Gn ly ftroml tal birah nergaw namluwa*
> *Apr 2, 2020, 9:37 PM*

Illi l-fatt li Zammit kienet avventuruza fis-sess huwa rifless ripetutament fic-chats ta' bejniethom. Per ezempju, fil-25 ta' Marzu, 2020 (a fol 394 ta' l-atti processwali), Zammit baghtet messagg lill-esponent b'referenza ghall-hanut li jbiegh *sex toys*. Indipendentament mill-fatt li, skond Zammit, dakinhar ir-relazzjoni taghhom kienet suppost spiccat, persuna li ma ghanda ebda interess sesswali f'persuna ohra ma tibghatx messaggi dwar xiri ta' *sex toys*. L-istess jinghad ghall-konversazzjoni tat-8 ta' April, 2020 (a fols 400-401 ta' l-atti processwali). Dakinhar il-partijiet tkellmu dwar il-hajja sesswali taghhom u tant kienu komdi flimkien li tkellmu dwar meta kien ser jerga' jkollhom x'jaqsmu flimkien:

> ***EX** Niltqaw namlu sessss*
> *Apr 8, 2020, 8:04 PM*
>
> ***LZ** Meta tinhasel!!*

*Apr 8, 2020, 8:06 PM*

***EX** Inhsilt kuljum ninhasel*

*Apr 8, 2020, 8:06 PM*

***LX** iiiiii giddieb!!!*

*Apr 8, 2020, 8:06 PM*

***EX** Ghaliex hi ma nodirx li nadif*

*Apr 8, 2020, 8:07 PM*

Illi dan l-iskambju sehh biss tlett-ijiem qabel l-allegat stupru. Jekk wiehed jezamina c-chats tas-sena elfejn u dsatax (2019), jirrizulta bl-istess mod li l-hajja sesswali bejn il-koppja kienet wahda attiva u energetika. Per ezempju f'Lulju ta' dik is-sena (a fol 416 ta' l-atti processwali) Zammit tghid lill-esponent li "Andi bzonn hafna sess!!!". L-isfond tal-konversazzjoni hija relevanti in kwantu simili ghall-allegazzjoni meritu ta' dan il-kaz:

***LZ** Imma qalbi min aw xejn ma nista namillek*

*Jul 22, 2019, 12:15 AM*

***EX** U le inqum*

*Jul 22, 2019, 12:15 AM*

***LZ** Int taf*

*Jul 22, 2019, 12:15 AM*

***EX** Ostja xhanamilek*

*Jul 22, 2019, 12:15 AM*

***EX** Imaginani indahalsubaja*

*Jul 22, 2019, 12:16 AM*

***LZ*** *Naf li se tamilli.. u bejnitma alahares issa ma tamiliex ghax nirejpjak!!*

*Jul 22, 2019, 12:16 AM*

***EX*** *Le nirejak jien zgur*

*Jul 22, 2019, 12:16 AM*

***LZ*** *Andi bzonn hafna sess!!!*

*Jul 22, 2019, 12:17 AM*

***EX*** *Ada anka cintorini ingib*

*Jul 22, 2019, 12:17 AM*

***LZ*** *Mandekx ma fejn tirbotni*

*Jul 22, 2019, 12:18 AM*

***EX*** *Isa tara wara darek*

*Jul 22, 2019, 12:18 AM*

***EX*** *Wicek lisfe*

*Jul 22, 2019, 12:18 AM*

***LZ*** *Le wara dari naf li inwegga!*

*Jul 22, 2019, 12:19 AM*

***LZ*** *Mhuy ha norądu ilejla!!*

*Jul 22, 2019, 12:19 AM*

Illi wiehed isib ezempji ohra fejn Zammit tghid lill-esponent li ser "tirrejpjah" a fols 420 u 422 ta' l-atti processwali fejn Zammit tghidlu "Etlek jien... Nirejpjak!" u "Bhalissa nirejpjak jien!!!!!!;!!!".

Illi Liliana Zammit ipprovat taghti impressjoni li t-tbengil tal-11 ta' April, 2020 (li kienu principalment *love bites*) kien rizultat ta' nuqqas ta' kunsens. Il-verità hija ohra. Zammit kemm-il darba stqarret ma' l-esponent li kull darba li jkollom x'jaqsmu flimkien kienet tispicca titbengel ghax hi titbengel hafna. Per ezempju fit-12 ta' Awissu, 2019 qaltlu: "*Aatlek malewwel li nidbengel hadna jien ax jien bahba mhux haq Alla kullur il haara*!" (a fol 426 ta' l-atti processwali).

Illi ma jistax ma jigix rilevat li meta giet rinfaccata b'dawn il-fatti in kontro-ezami, Zammit ma offriet l-ebda spjegazzjoni u, kif inghad, strahet fuq il-konfort ta' l-allegata dimentikanza. Ghall-ewwel bdiet tichad li baghtet dawn it-tip ta' messaggi u kien biss meta giet konfrontata bihom li ftakkret li setghet konvenjentement ma tiftakarx.

Illi huwa f'dan is-sens li qed jigi sottomess li l-Qorti tal-Magistrati ghamlet evalwazzjoni parzjali tal-provi li gew prodotti mill-partijiet f'din il-kawza. Jinghad parzjali ghaliex jirrizulataw numru kbir ta' cirkostanzi u provi li gew injorati jew sorvolati b'leggerezza. In sintesi dawn huma s-segwenti:

- F'dan il-kaz gew prodotti, kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza, diversi skambji, fosthom chats, bejn il-partijiet. Il-Pulizija ddikjarat li dawn ma kienux relevanti ghall-kaz u l-Qorti tal-Magistrati ma ghamlet ebda referenza ghalihom nonostante li kienu jiffurmaw parti integrali ta' l-atti processwali;

- Jirrizulta car daqs il-kristall minn dawn l-iskambji li Liliana Zammit u l-esponent kienu ghadhom f'relazzjoni fil-11 ta' April, 2020. Il-Qorti tal-Magistrati qatt ma poniet id-domanda ghaliex Zammit kienet qed tipprova tichad dan il-fatt meta dan jimpingi direttament fuq il-kredibilità taghha;

- Irrizulta wkoll li l-verzjoni moghtija minn Liliana Zammit ghall-vizita taghha fir- residenza ta' l-esponent fil-11 ta' April, 2020 hija inveritjiera;

- L-ghira ta' Liliana Zammit, li rrizulta minn diversi partijiet ta' l-atti processwali u li jimpingi direttament fuq l-animu taghha fil-11 ta' April, 2020, giet issorvolata mill- Qorti tal-Magistrati;

- Irrizulta mill-provi, inkluz mix-xiehda ta' Liliana Zammit, li l-esponent qatt ma kien vjolenti maghha nonostante li ma kienitx l-ewwel darba li giet immarkata waqt attività sesswali. Dan il-fatt gie wkoll injorat mill-Qorti tal-Magistrati;
- Liliana Zammit ippruvat tpingi stampa li fil-11 ta' April, 2020 telqet mir-residenza ta' l-esponent b'certa diffikoltà. Ghalkemm irrizulta proprju l-oppost, dan il-fatt ma nghata l-ebda importanza mill-Qorti tal-Magistrati;

- Liliana Zammit qalet lit-tabiba tal-Poliklinika li kienet waqqfet lill-esponent meta sar l-att tant li l-istess tabiba ma hassitx in-necessità li taghmel *gynae review.* Dan il-fatt importanti ma nghata ebda konsiderazzjoni mill-Qorti tal-Magistrati;

- Il-Qorti tal-Magistrati, nonostante li huwa evidenti li l-esponent gie ppregudikat, iggustifikat l-mod irresponsabbli ta' kif saret l-investigazzjoni de quo;

- Meta Liliana Zammit giet konfrontata bi provi li juru li ma kienitx qed tghid il-verità, il-Qorti tal-Magistrati, minflok intervjeniet sabiex, fl-ahjar ipotesi ghal Zammit, tghin fir-ricerka tal-verità, ma ghamlet xejn u ssorvolat dan il-fatt fil-konsiderazzjonijiet taghha;

- Il-Qorti tal-Magistrati ma ghamlet ebda konsiderazzjoni tan-natura ta' relazzjoni sesswali li kien hemm bejn il-partijiet, kemm meta kienu frelazzjoni skond Liliana Zammit kif ukoll meta, dejjem skond hi, din ir-relazzjoni kienet giet itterminata.

Illi, kif spjegat fid-dettal iktar 'il fuq, dawn kienu kollha fatturi determinanti ghas-soluzzjoni tal-kaz. Anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument biss, wiehed jemmen li s-soluzzjoni ta' dan il- kaz kien jiddependi biss fuq il-kredibilità ta' Liliana Zammit u dik ta' l-esponent, fatturi ohra li kienu jindikaw car li Zammit ma kienitx qed tghid il-verità kellhom necessarjament jittiehdu in konsiderazzjoni mill-Qorti tal-Magistrati.

Illi huwa evidenti li l-esponent, li fl-ebda mument ma nqabad f'gidba u li kien koerenti u konsistenti fix-xiehda tieghu, kien qed jghid il-verità, u cioè li dak li sehh sar kollu bil-kunsens Liliana Zammit Ghalhekk ghandu jigi liberat milimputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi <u>t-tieni aggravju</u> jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghal dak kontenut fl-ewwel aggravju, il-piena erogata mill-Qorti tal-Magistrati ta' hames (5) snin prigunerija effettiva hija gravi wisq tenut kont ta' dak kollu li rrizulta mill-provi.

Illi skond gurisprudenza kostanti, il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjetà fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bl-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir- rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma ta' l-istess hati. Skop iehor tal- piena huwa dak li tigi protetta s-socjetà. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minacca ghas-socjetà dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l- bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.

Illi l-Qorti tal-Magistrati, ghajr ghal kwistjonijiet strettament ta' natura legali, ma indikat ebda fattur li jispjega l-erogazzjoni tal-piena imposta. Piena ta' prigunerija effettiva hija l- iktar piena harxa kontemplata fil-ligijiet taghna u ghalhekk tezisti aspettattiva legittima da parti ta' min ikun qed jircieviha ta' certa motivazzjoni fattwali

li tkun wasslet ghal dik l- erogazzjoni. Dan jinghad partikolarment in vista tal-fatt li l-piena kontemplata mil-ligi taqa' fil-parametri msemmija fil-proviso ghall-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Kwindi l-Qorti tal-Magistrati kellha l-ewwel u qabel kollox tevalwa jekk il-kaz, bil-fattispeci partikolari tieghu, kienx jimmerita piena ta' prigunerija "b'mod li jigu eskluzi mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa" (vide, per ezempju, is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija v Maurice Agius** (13.11.2009)).

Illi huwa evidenti li l-esponent ma huwiex "minacja ghas-socjeta" u langas jehtieg li jigi riformat. Wiehed irid izomm f'mohhu li l-att meritu tal-kaz jikkonsisti fpenetrazzjoni da parti ta' l-esponent bis-saba' fil-parti ta' persuna ohra li maghha kellu relazzjoni. Il-partijiet kienu attivi sesswalment u kienu ghamlu atti simili diversi drabi fil-passat. Kien biss f'dan l- episodju li Zammit allegat li ma kienx hemm il-kunsens taghha.

Illi fatt iehor li ghandu jigi kkunsidrat huwa li, minn dakinhar tal-fatti meritu ta' dan il-kaz, l- esponent izzewweg u qieghed jistenna wild. Fin-nuqqas ta' ragunijiet serji u gravi li jimmeritaw sentenza ta' prigunerija effettiva fejn l-esponent jigi mwarrab mis-socjetà, il- piena imposta mill-Qorti tal-Magistrati ma hijiex idonea ghall-fatti tal-kaz.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezentata nhar id-19 ta’ Novembru, 2024

Rat l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Semghet il-partijiet jaghmlu s-sottomisjonijiet taghhom nhar l-29 t’ April, 2025.

**Ikkunsidrat,**

**L-ewwel aggravju** tal-appellant jirrigwardja l-apprezzament tal-provi hekk kif maghmul mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti hija Qorti tal-Appell u mhux Qorti ta' revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ghalhekk ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u ragonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet ghamlet. Kif ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizja vs Julian Genovese**:[1] '

> *'hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[2]" [12.5.94]; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[3]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[4]"

[1] Deciza 31 ta Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.
[2] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.

[31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[5]" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawza "**R. v. Cooper**[6]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[7]

Jekk il-Qorti tal-Magistrati tkun ghamlet xogholha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza taghha, dimend li ma jkunx hemm raguni valida. L-appellant jista' ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt,**[8] inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li*

[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[6] 1969] 1 QB 276.
[7] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.
[8] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru,1994.

***<u>tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezza</u>ment. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

Din il-Qorti ma tkunx semghet ix-xhieda hi kif tkun semghathom l-Ewwel Qorti, u ghaldaqstant din tal-ahhar ikollha vantagg peress li tkun semghet ix-xhieda u rat il-komportament taghhom meta dawn xhedu. Ghaldaqstant, din il-Qorti tista' ma taqbilx mal-Ewwel Qorti, izda jekk din setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni din ma tistax taqbad u tbiddilha. Izda, din il-Qorti taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha quddiemha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati **<u>oltre kull dubju dettat mir-raguni.</u>** Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Peter Ebejer,</u>**[9] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, **<u>dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.</u>**

[9] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997.

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati.** Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbaghad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.[10]

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq **il-kredibilita` tax-xhieda** u dan billi din il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

**Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.** Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-

[10] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**:[11] "*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika*".

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice**[12] b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs. R** [13] jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.
[12] 1997 Edition Para 10-3.
[13] 1952.

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.[14]

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza cirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' htija, din trid tkun univoka, jigifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konkluzjoni wahda u xejn hliefha. Altrimenti, jekk ic-cirkostanzi jaghtu lok ghal aktar minn konkluzjoni wahda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuqhom biss biex tkun tista' ssib htija.

Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[15] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss.

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Jannar, 1998.

[15] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Joseph Thorne</u>**,[16] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzjoni taghha.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'mohhhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza taghhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tevalwa x-xhieda u/jew il-provi li ngieghbu quddiem l-Ewwel Qorti.

L-appellant irilaxxa stqarrija[17] nhar il-15 t' April, 2020 fejn stqarr illi kien jaf illi kien gie arresatat fuq allegazzjoni ta' stupru. Lil parti leza Liliana Zammit kien ilu jafha minn meta kienu trabi ghax ir-ragel t'ohtu jigi huha. Hu kien gharus u hi kellha partner u xi disa' (9) xhur jew sena qabel kienu ltqaghu fil-*father's day* l-ghaqa ta' missierha u bdew jibghatu l-mrssaggi lil xulxin. Huma waqfu r-relazzjonijiet rispettivi taghhom ghax hija kienet tghidlu li hi dejjem xtaqet tohrog mieghu. Jghid li ghalih sas-Sibt wara li kellhom it-telefonata kienu ghadhom johorgu flimkien avolja hi kienet tghid li ma kienux ghadhom flimkien. Ftit gimghat qabel kienet qed taqla l-paroli ghax hu kien qed imur hdejn it-tfal ghax kellhom bzonn xi affarijiet. Spjega kif ghandu messaggi li hi kienet tallega li kellu relazzjoni ohra ma omm it-tfal u kif ukoll mal-ex-

---

[16] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono
[17] Fol. 9 et seq tal-process.

partner tieghu Ramona Saliba u dan ghaliex kienu ghadhom hbieb. Mistoqsi ghaliex temmew ir-relazzjoni taghhom jghid li Liliana setghet tghid ghaliex ghax hu ma kienx jaf ghalfejn pero' jisuspetta li hi bdiet tahseb hazin ghax dan l-ahhar kien qed ikun hdejn it-tfal. Jghid li kemm il-darba qalu lil xulxin li riedu jtemmu r-relazzjoni u Liliana kienet qaltlu sabiex izommu l-hbieberija sabiex ikomplu jiltaqghu meta jkollha aptit hi sabiex ikollhom x'jaqsmu flimkien. L-ahhar li hu kien sema minghand Liliana kien is-Sibt 11 t' April, 2020 meta bdiet icempillu minn filghodu u fthemu sabiex jiltaqghu ghax kienet qaltlu li kien ilu ma jghidilha sabiex tmur ghandu. Hu kien xtara xi hobz ghax kienet ser tibqa' ghandu u titlaq il-Hadd. Hija marret ghandu wara nofs inhar u damet ghandu xi siegha/saghtejn. Hu ghamel il-hobz izda hi ma kilietx u bdiet tghidlu xi diskors dwar it-tfal u l-eks. Hu qalilha li ma kellux lil haddiehor u qabdu jitbewwsu u marru fil-kamra tas-sodda. Liliana fl-ebda hin ma rrezistiet. Dwar l-allegazzjoni li hu ppruva jkollu x'jaqsam maghha izda hi ma ridietx hu wiegeb illi kieku ma riditx ma kienitx tmur ghandu d-dar. Jghid li hu minnu li mess il-parti taghha u dahhal subajh u dan ghaliex anke hi bdiet tmisslu l-parti tieghu. Hin minnhom hija qaltlu sabiex jieqaf u hu waqaf u bdiet tissupervja u tghidlu li ser jitlaq. Din ma kienitx xi haga gdida ghax mhux l-ewwel darba kienet taghmel hekk peress li hija kienet 'moody' hafna. Damu ghaddejin xi kwarta jew ghoxrin minuta u r-rejazzjoni taghha kienet bhas-soltu ghaliex dejjem kienu jiehdu pjacir u bdiet tghidlu li tridu u li hu jgenninha. Hu jghid li kien rapport sesswali erotiku bhal ma gieli kien kellhom. Irrakonta kif kien hemm xi tlett okkazjonijiet kif Liliana tissupervja u titlaq ghax tallega li ghandu wicc nisa ohra. Jghid li mhux minnu li qattala l-bra, izda kien nehhijulha b'mod erotiku kif gieli nehhitlu l-*underwear* tieghu wkoll. Elabora billi qal illi hi gieli ppruvat idahhal subajha fil-warrani tieghu. Tenna illi t-tnejn li huma kellhom hafna gdim fuq gisimhom. Stqarr illi sakemm hu beda jdhhal subajh fil-parti taghha, hija bdiet taghmillu sess orali. Minn meta telqet minghandu hu kien cemplilha u damu xi saghtejn fuq il-mobile u kien baghtilha wkoll xi messaggi. Mistoqsi dwar il-fatt li Liliana kienet qacctitlu gizirana tal-Fossil hu wiegeb li dan kien minnu u li mhux l-ewwel darba hija kienet ghamlitlu dawn l-affarijiet. Liliana qatt ma ghajtet ghall-ghajnuna. Jghid li hu jisuspetta li Liliana ghamlet dan kollu ghax kienet tghir li hu kien ghad kellu rapport tajjeb m'omm it-tfal u l-ex siehba tieghu. Hi nfatti kienet

qalet lit-tifla t'ohtu li tghir hafna. Hu qatt ma sfurzaha u li l-messaggi jixhdu illi hi riedet tiltaqa' mieghu ghaliex kieku ma kienux jiltaqghu. Mhux kull meta kienu jiltagqhu kienu jaghmlu s-sess u meta dan ma kienx isir, mhux l-ewwel darba li ghajjritu mejjet u tibgthatu jiehu pirmla.

Fl-NPS report[18] insibu li Liliana Zammit kienet stqarret illi nhar il-11 t' April, 2020 ghal habta ta' 2.30pm hija kienet irceviet telefonata minghand l-appellant fejn kien qalilha li kien sejjer sal-Fawwara u jekk hi ma ridietx tmur mieghu. Hija kienet qaltlu li ma kelliex aptit ghax kienet is-shana u ghalhekk l-appellant staqsiha jekk riditx li jiltaqghu gewwa r-residenza tieghu f' Hal Qormi u din accettat li jaghmlu hekk. Ghall-habta ta' 3.26pm Liliana kienet waslet quddiem ir-residenza tieghu u stennietu barra sakemm mar jixtri. X'hin dahlu l-appellant kiel, izda Liliana ma kelliex guh. Meta qamet l-appellant mar warajha, dawwarha wiccu lejh u ghafasa mal-fridge u beda jbusha. Hija qalet illi l-appellant beda jkun aggressiv. Liliana kompliet mieghu ghal ftit izda meta ppruva jdahhal idu fil-qalziet hija rrezistietu izda bis-sahha li ghamel hadha sal-kamra tas-sodda. Meta l-appellant rnexxilu jitfaha' fuq is-sodda hija bdiet tghajjat ghall-ghajnuna sabiex ihalliha izda l-appellant qalilha li iktar jiehu pjacir meta tghajjat. L-appellant nizzel il-qalziet ta' taht ta' Liliana sa rkubbtejha, filqwaqt li ghollilha t-top, qattalha l-bra u fost postrijiet ohra beda jigdmilha sidirha u zaqqha. L-appellant ippenetra lil Liliana b'idejh u din tal-ahhar bdiet tigdimlu idejh u subajh. Liliana stqarret li qactitlu gizirina. Sussegwentament hu ppruva jippenetraha mod iehor, izda hija qamet biex tahrab u l-appellant rega tefaha fuq is-sodda. It-tieni darba hija rnexxilha tizgicca u l-appellant beda jghajjat sabiex ma titlaqx. Minn hemmhekk hija qbdet il-karozza taghha u baqghet sejra ghand huha, fejn wara li fethet qalbha mieghu u ma martu kienu marru l-ghassa u sar rapport. L-appellant kien baghat xi messaggi lil Liliana Zammit fejn kien qalilha '*gejt biex nirepjak ara fejn sejjer*', '*Imnalla rekordjajtek lol*', '*' isa ikollok barri*', '*' Tal-blih kemm taf terdaw qsamtni*' *u 'xxxxxx*'.

[18] Fol. 15 et seq tal-process.

**Liliana Zammit**[19] xehedet nhar id-19 ta' Gunju, 2020 fejn wara li gharrfet lill-appellant quddiem l-ewwel qorti u qalet li kienet tohrog mieghu madwar sena qabel, spjegat illi kienet ilha tafu hafna u dan peress li huha u ohtu kienu mizzewgin. Hija qalet illi fil-11 t' April, 2020 huma ma kienux ghadhom flimkien, izda kienu ghadhom qed jitkellmu ghaliex kellha xi affarijiet, il-kompressur fost ohrajn u allura ried igibilha xi affarijiet. Kien cemplilha wara nofs inhar u qalilha li kien sejjer il-Fawwara u jekk ridietx tmur mieghu, izda hija rrifjutat minhabba s-shana. Hu ssugerixxa sabiex jiltaqghu fir-residenza tieghu u hi sabiex tikkalma s-sitwazzjoni u tiehu l-affarijiet, accettat. Hija stennietu sakemm mar jixtri u meta wasal telghu fuq u poggiet fuq il-bank tal-kcina. L-appellant ghamel bicca hobz u offrilha izda hija ma ridietx. Qamet sabiex iggib tissue u mar minn warajha u dawwarha. Beda jbusha u hija kompliet mieghu, sussegwentament qabadha mil-polz u beda jsabbatha mal-frigg, imbghad beda jimbuttaha ghall-kamra tas-sodda u beda jdahhal idejh fil-qalziet li hija kienet liebsa. Bhala distanza bejn il-kmamar tghid li kien hemm massimu ta' zewg metri u hu miexi bil-quddiem, izomm lilha mill-polz u hija miexja b'lura. Hija kienet qaltlu *'hallini qed tweggghani'* u bdiet tghajjat, imbghad tefghaha fuq is-sodda u bdiet tghajjat iktar. Bdiet tghajjat forsi jismaha xi hadd ghax beda jigdimha u bdiet twegga. Qattalha l-bra, ghollilha l-flok u nizzlilha l-qalziet sa rrkubbtejha. Hi bdiet tghidlu sabiex jieqaf u bdiet tigdmu fejn setghet fosthom f'subajh meta beda jipprova jalqilha halqha. Hija qacctitlu l-gizirana izda xorta ma setghetx tqajjmu minn fuqha. Meta bdiet tghajjat huwa qalilha *'hekk niehu pjacir, iktar ma tghajjat iktar naghmillek.'* Hu beda jippenetraha b'subajh u hin minnhom qam u ppruvat tqum izda rega' zammha, kien hemm qisu glied bl-idejn, izda ma setghetx timbuttah u ddawru. Il-gdim baqa' ghaddej sakemm qam ghat-tieni darba, u hija taghat is-salt u telqet 'l hemm. Hu beda jghidilha '*ejja 'l hawn fejn sejra'* izda hi qabdet dahlet fil-karozza u cemplet lil huha Antoine Zammit. Huma rawha mugugha u kollha daqqiet u sussegwentament marret taghmel rapport. Tghid li marret taghmel garanzija sabiex ma jkolliex x'taqsam iktar mieghu. Spjegat illi hija ma tippermetti lil hadd jaghmlilha hekk u ma ridietx ikollha x'taqsam aktar ma persuna hekk. Kif dahlet ghand huha kien hemm in-neputijiet taghha, it-tnejn adulti. Hija spjegat illi marret taghmel ir-rapport ghax ridiet garanzija sabiex l-

[19] Fol. 32 et seq tal-process.

appellant ma jersaqx lejha u sussegwentament hija taghathom il-verzjoni taghha. Il-pulizija hadulha l-bra izda l-ghada ghaddewulha lura. Dakinhar marret il-polyclinic tal-Furjana wara li ttihdila l-istatement u ratha t-tabiba li ghamlitilha certifikat fuq il-gdim. Hija pprezentat ic-certifikat mediku u xi ritratti tal-gdim quddiem l-ewwel qorti. Tghid li l-pulizija kienu qalulha sabiex iserrah rasha dwar l-appellant izda dan tal-ahhar baqa' jikkuntatjaha u jcemplilha sa l-Erbgha xi 1pm. Spjegat kif dakinhar tal-akkadut bil-lej kien hemm telefonata 01.59 hrs, madankollu ssostni li ma kellmitux u li jista' jkun gara minflok qatghet, wiegbet. Tghid li ma kienx hemm messaggi bejniethom dakinhar tal-incident wara 15.30hrs. tghid li dan l-akkadut affetwaha tant li kellha tfittex l-ghajnuna.

In kontro-ezami stqarret illi lill-appellant kienet ilha tafu minn meta kellha sitt snin izda kien hemm episodji fil-hajja li kienu tbieghdu minn xulxin u ohrajn i kienu vicin ta' xulxin. Qabel l-akkadut huma kienu vicin ta' xulxin u kienu ilhom xhur johorgu flimkien. Spjegat kif kienu ilhom mill-ahhar ta' Lulju sa Jannar, Frar flimkien imbghad iktar kienu qishom hbieb. Huma kellhom ukoll relazzjonijiet intimi b'mod regolari. Mistoqsija jekk l-appellant qattx kien vjolenti maghha jew ma haddiehor, hija wiegbet fin-negattiv. Ikkonfermat li kienet tmur id-dar tal-appellant b'mod regolari hija kkonfermat ukoll li gieli raqdet u halliet xi affarijiet ghandu. Mistoqsija x'tip ta' xoghol jaghmel l-appellant, hija wiegbet *Turnkey*. Tghid li hija qatt ma talbet flus lill-appellant. Mistqosija dwar it-tfal tal-appellant, hija tghid li tiftakarhom zghar izda qatt ma laqqahom flimkien.

Zammit[20] regghet xehedet nhar l-24 t' Awwissu, 2020 fejn qalet illi kien hemm xi affarijiet illi hija ma kienitx taqbel maghhom u allura ma ridietx tkompli r-relazzjoni. Bhala ezempju hija qalet illi kien jghidilha li ma kienx ikellem certu persuni, izda xorta kien ikellimhom. Kien idejjaqha l-fatt ukoll li kien jaghmel hafna hin ghand l-ex mara tieghu.

[20] Fol. 168 et seq tal-process.

Nhar it-30 ta' Novembru, 2021, Liliana Zammit[21] regghet xehedet in kontro-ezami. B'referenza ghall-messaggi ta' Whatsapp a fol. 68 tal-process hija kkonfermat illi dawn kienu korrispondenzi bejnha u bejn l-appellant. Bl-istess mod dawk a fol. 73 huma chats ta' Facebook. Hija kkonfermat li kienu jikkomunikaw ukoll permezz ta' telefonati u kull tip ta' komunikazzjoni. Ikkonfermat ukoll illi hi u l-appellant kienu ilhom flimkien ghal madwar tmien (8) xhur u r-relazzjoni ntemmet ghal madwar Jannar/Frar tas-sena 2020 u li wara kienu qishom iktar hbieb u baqghu jikkomunikaw. Mistoqsija jekk hija ma kienitx ridet tibqa' jkollha x'taqsam mieghu hija wiegbet li ma tafx u sussegwentament qalet li ma tiftakarx. Mistoqsija jekk wara Frar 2020 qattx qalet lill-appellant li ma mhuwiex kapaci fis-sodda u li ma kienx jaf x'ghandu jaghmel maghha hija wiegbet li ma tiftakarx u li kienet ghaddeja bil-*councelling* u bdiet tipprova tinsa dak li kien gara. Hija kkonfermat li qatt ma talbet lill-appellant sabiex jorbotha, isawwatha u li kienet tihu pjacir b'dawn l-affarijiet. Mistoqsija dwar il-fatt li huma kienu spiss juzaw il-kelma 'nirrejpjak' u li kienu juzawa taparsi stupru, tghid li mhux minnu u li ma kelliex fantazija ta' dan it-tip. Spjegat kif kien idejjaqa l-mod ta' kif per ezempju kien jaghmel gurnata u lejl ghand l-ex mara tieghu. Elaborat illi t-tfal ma kienux zghar izda mninn hmistax-il sena l-fuq. Hija kkonfermat illi dakinhar tal-allegat incident hija hija marret ghand l-appellant xi 3.30pm, stennietu ghax ma kienx ghadu gie, li ma marritx sabiex tigbor l-affarijiet u li ma kelliex guh dakinhar. Qalet izda li ma marritx sabiex ikollha x'taqsam mal-appellant. Mistoqsija kienx minnu li sa ftit jiem qabel l-incident kienitx qed tibghat lill-appellant *links* ta' *sex toys*, hija qalet li ma tuzahomx u ma tiftakarx. Mistoqsija jekk jiem qabel kienitx qed tghidlu kemm kienet avventuruza, x'sahna kellha u kemm riedet li jkollha x'taqsam mieghu, tghid li dak iz-zmien kienet wahedha u seta' kien li kellha aptit. Mistoqsija hux minnu li lejliet l-incident batitlu tnax (12) -il messagg bil-kliem '*I hate you*' u li kienet sejra tpattijilu wiegbet li ma tiftakarx u li hi mhux il-mara li qed jipprova jpengiha. Mistoqsija jekk jiem qabel l-incident hi stess kienet stidnet lil Elton sabiex imorru l-Marokk flimkien, qalet li ma kienitx qed tiftakar. Mistoqsija li jiem qabel l-incident kienet hi stess li qalet lill-appellant li tixtieq tiltaqa' mieghu sabiex ikollhom x'jaqsmu flimkien, hija wiegbet li sincerament ma tiftakarx.

[21] Fol. 356 et seq tal-process.

Rinfaccata bil-fatt li ftit qabel l-incident qalet lill-appellant li riedet tobghodu, hija spjegat illi dan kien ghax tant habbietu li ma setghetx taccetta li jaghmlilha iktar affarijiet hekk.

**Dr Maria Vassallo Brincat**[22] xehedet nhar it-3 ta' Lulju, 2020 fejn qalet li hija *junior doctor* u meta marret Ms Zammit gewwa l-*polyclinic* tal-Furjana, hija kienet qeghda hemm fuq *placement*. Zammit kienet qalet li kellha xi argument mal-*boyfriend* taghha u kellha xi ugigh fi spallejha kif ukoll tbengil u gdim. Irrimarkat illi kienet ilha tabiba sentejn u ma kienitx esperta jew *forensic expert,* izda Zammit kienet imbikkma u mbezza u jekk qaltilha li kienet giet migduma f'zaqqa, hija fil-fatt rat gidma go zaqqa. Zammit kienet qaltilha li l-*boyfriend* kien ipprova jaghmel xi haga sesswali maghha, imma hi kienet waqqfitu. Ftakret li kienet hadet xi ritratti bic-cellulari ta' Zammit u cioe' minn 50 sa 59 tal-griehi u kkonfermat li kienu l-istess ritratti li jinsabu fl-atti. Hija kkonfermat ukoll ic-certifikat mediku li hija kienet hejjiet.

In kontro-ezami hija tghid illi stante li Zammit qaltilha illi l-appellant kien ser jaghmel xi haga sesswali izda hija waqqfitu, hija kienet tal-fhema illi allura ma kienx hemm ghalfejn *gynae review* biex jaraw kienx hemm penetrazzjoni *o meno*.

Dr Vassallo Brincat[23] regghet xehedet nhar it-28 ta' Mejju, 2021 fejn spjegat li fil-prezent hija kienet bdiet tahrig fl-*obstetrics u gynaecology* u li dakinhar tal-incident kienet tahdem *Floriana Health Centre*. Tghid li Liliana ma kienitx qaltilha x'hin kien sar l-incident izda hi kienet ratha xi 7.30pm u kienet qaltilha li l-akkadut sar wara nofs inhar. Ikkonfermat illi bhala griehi li rat fuq Liliana Zammit, hija elenkat kollox fir-rapport taghha. Mistoqsija jekk tiddiskrevix it-tbengil fuiq gisem Liliana bhala *'a lighter for  of bruising'* wiegbet fl-affermattiv. Enfasizzat illi Liliana kellha tbengil f'idejha u saqajha u ma tahsibx li kellha *love bites* ma kullimkien. Sahansitra qalet li kien hemm xi marki fuq il-pazjenta illi huma kompatibbli ma snien haddiehor. Mistoqsija x'inhi l-procedura meta pazjenta tipprezenta ruhha b'*sexual trauma* hija

[22] Fol. 101 et seq tal-process.
[23] Fol. 265 et seq tal-process.

spjegat kif din il-pazjenta tmur l-isptar, fejn jarawha l-ispecjalisti tal- *obstetrics u gynaecology,* jarawha *seniors*, jaghmlu rapport u jigu tal-*forensics*. Elaborat illi Zammit kienet qaltilha li kellha glieda mal-partner taghha u pprova jabbuza sesswalment imma ma rnexxilux u ghalhekk kien attentat ta' *sexual assault*. Peress li Zammit kienet qaltilha li ma rnexxilux huma ma trattawx il-kaz bhala *sexual assault case*. Tghid illi jekk tiftakar sew l-appellant ipprova jdahhal subajh fil-parti taghha izda hija waqqfitu u peress li ma kienx hemm *vaginal penetration*, huma ma trattawx il-kaz bhala *sexual assault case*. Ikkonfermat illi kienet hi li ssuggerit lil parti leza sabiex tihdilha xi ritratti la kienet ser tipprocedi kontra l-appellant. Tghid li ghaliha dan kien kaz li jidher li kien ta' vjolenza domestika u ghalhekk issugeriet li jkollha l-provi sabiex jghinuha fil-kaz taghha.

**PS 610 Mark Anthony Spiteri**[24] xehed nhar i3-3 ta' Lulju, 2020 fejn spjega illi hu bhala Surgent gewwa l-ghassa Qormi, nhar il-11 t' April, 2020 kien xoghol u giet certu Liliana Zammit sabiex taghmel rapport li kienet giet abbuzata sesswalment mill-ex-partner taghha. Zammit stqarret li dakinhar kienet marret fir-residenza tal-appellant u dan ghamel certu avvanzi sesswali fuqha, u din ppruvat titlaq u ma hallihiex. X'hin harbet minn fuq il-post hija marret ghand huha. Dan tal-ahhar ipperswadiha sabiex taghmel rapport u hekk sar. Zammit kienet spjegatlu kif beda jbusha fil-kcina, imbghad minn hemmhekk sfurzaha sabiex tmur fil-kamra tas-sodda fejn qacctilha l-bra u nizzlilha l-qalziet sa rrkubtejha. Hu dahhal idu u ppenetraha bis-swaba u hi ssarat mieghu w beda jigdimha f'hafna partijiet ta' gisimha li setghu jarawhom huma stess dakinhar. Jghid li hu kien akkumpanjat minn WPC 189 u gharaf lil Zammit quddiem l-ewwel qorti. L-ewwel Zammit tkellmet ma WPC 189 imbghad meta ikkonvinciet ruhha li se taghmel ir-rapport dahal hu. Zammit kienet agitata u mbikkma. Hu esebixxa rapport aggornat.

**WPC 189 Amy Marie Mawdsley**[25] xehedet nhar it-3 ta' Lulju, 2020 fejn qalet illi dakinhar tal-11 t' April hija kienet prezenti waqt li kien qed isir ir-rapport. Hija hadet

[24] Fol. 106 et seq tal-process.
[25] Fol. 113 et seq tal-process.

ritratt ukoll ta' certu griehi fuq Zammit. Dawn il-griehi kienu saru dakinhar tar-rapport mill-appellant fuq Zammit uhud waqt l-att u uhud meta bdiet tirrezisti. Dan qed tghidu skond dak li qaltilha Zammit stess. Hija gharfet il-parti leza fl-awla.

**<u>Keith Cutajar</u>**[26] xehed nhar it-13 t' Awwissu, 2020 fejn dwar l-inkarigu lilu moghti sabiex janalizza c-cellulari tal-parti leza u l-appellant u cioe' sabiex jinhargu korrispondenzi bejn iz-zewg partijiet. Huwa esebixxa r-rapport tieghu flimkien ma USB b'din id-data. Huwa rritorna c-cellulari tal-appellant.

In kontro-ezami huwa tenna illi huwa analizza c-cellulari tal-parti leza nhar is-16 ta' Lulju, 2020 gewwa l-ghassa ta' Haz-Zebbug, sar l-extraction live dak il-hin stess. Ikkonferma li c-cellulari kien ghand il-parti leza qabel gie analizzat.

Is-Sur Cutajar rega' xehed nhar it-28 ta' Mejju, 2021[27] fejn ipprezenta l-istess rapport li kien diga pprezenta.

**<u>Joanne Vella</u>**[28] xehedet nhar l-24 t' Awwissu, 2020 bhala counsellor ma Victim Support Malta. Spjegat kif kienet ilha taf lil Zammit sa mill-15 ta' Mejju, 2020 meta kellha l-ewwel sezzjoni u giet riferuta ghas-servizzi taghhom ghaliex qalet li kienet ghaddiet minn trawma u cioe' stupru mill-ex-partner taghha. Tghid li s-sessjonijiet ser jibqghu ghaddejin u tahseb li baqala xi sena.

Joanne Vella[29] xehedet in kontro-ezami nhar is-17 ta' Mejju, 2021 fejn spjegat illi kellha l-ewwel appuntament ma Liliana nhar il-15 ta' Mejju, 2020 u kellha madwar ghoxrin (20) laqa' maghha. Ikkonfermat illi Liliana kienet qaltilhom li ghaddiet minn trawma ta' stupru. Tghid li hija saret taf bit-trawma ta' Liliana inizzjalment mill-intake interview li kien ghamilulha haddiehor u sussegwentament Liliana rrakuntat ukoll lilha. Tghid li huma ma dahluxx fid-dettal fuq dak li gara u iktar hadmu fuq is-sintomi

---

[26] Fol. 147 et seq tal-process.
[27] Fol. 244 st seq tal-process.
[28] Fol. 170 et seq tal-process.
[29] Fol. 234 et seq tal-process.

li hargu minn dak li gara. Hija tghid li qatt ma tkellmet ma hbieb jew familjari ta' Liliana. Hija tispjega illili kif tipprezenta Liliana huwa kongruwenti ma xi hadd li ghadda minn trawma ta' natura sesswali. Bhala prestazzjonijiet li jkunu kongruwenti hija semmiet PTSD, disturbanza fl-irqad, fl-aptit tal-ikel diffikultajiet f'elazzjonijiet, diffikulta tikkoncentra fost ohrajn. Dawn kollha dehru fis-sessjonijiet ma' Liliana. Spjegat kif wara numru ta' sessjonijiet kienet saret *referral* ghall-psikjatra.

**Antoine Zammit**[30] xehed nhar l-24 t'Awissu, 2020 fejn qal li Liliana tigi ohtu z-zghira u l-appellant jigi hu l-mara tieghu. Huma kienu dahlu ghand il-kunjata l-Gzira u rcevew telefonata minghand Liliana. Hu semaha tibki u qaltlu li kienet wara l-bieb tieghu Hal Qormi. Hu u l-mara telqu minghand il-kunjata u fit-triq cemplet it—tifla z-zghira u qalytilhom li Liliana kienet qed tibki hafna. Hu spjega kif l-ewwel dahlet martu u mbghad tefa' l-karozza bl-addocc u dahal id-dar u sabha tirtrieghed u tibki. Wara ftit insistenza min-naha tieghu, Liliana qaltlu li kienet giet stuprata minn Elton. Hu kien qalilha li ma seta' jaghmel xejn u heggigha sabiex taghmel rapport u nizel maghha l-ghassa.Madankollu jghid li halliha wahidha tkellem lill-pulizija. Mistoqsi meta kien sar l-incident qal li nhar il-11 t' April, 2020. Jghid li Liliana u Elton kienu ilhom xi erba' (4) xhur flimkien u li kien ikollhom l-argumenti taghhom. Jsostni li meta wasal f'daru Liliana kellha xokk kbir fuqha, bdiet tirtrieghed u ma felhitx tkellmu. Qal ukoll li kellha xaghra mqanfed. Setgha jinnota crikihomor fuq idha. Hu kien akkumpanjaha wkoll sabiex marret il-polyclinic izda ghand it-tabib dahlet wahedha. Hu kien ra r-ritratti li kienet haditilha t-tabiba xi jumejn wara. Hu stqarr li din is-sitwazzjoni kienet qeghda turtah hafna u dan stante li hemm zewg familji nvoluti.

Is-Sur Zammit[31] rega' xehed nhar il-11 t' Ottubru, 2021 fejn ikkonferma li Liliana u l-appellant kienu ilhom xi sitt xhur flimkien u f'dan il-perjodu gili rahom darbtejn anke tlett darbiet fil-gimgha. Spjega li kien hemm zminijiet tajbin u ohrajn turbulenti bejniethom. Hu qatt ma lill-appellant ikun vjolenti ma Liliana. Jaf li darba kienu Catania u sema mit-tieqa, li kienet qrib it-tieqa taghhom, li kien hemm glieda kbira

[30] Fol. 173 et seq tal-process.
[31] Fol. 350 et seq tal-process.

bejniethom. Meta wara staqsihom kienx kollox *allright*, Liliana qaltlu li iva u li kellhom xi jghidu. Jghid ukoll li fl-incident ta' Sqallija hu sema wkoll hgieg jinkiser u wara kemm Liliana u kemm l-appelant kienu nervuzi.

**Flavia Zammit**[32] xehedet nhar l-24 t' Awwissu, 2020 fejn qalet illi Liliana tigi oht ir-ragel taghha u kienet ilha tafha minn meta kellha hames (5) jew sitt (6) snin. L-appellant qalet li kien jigi huha. Hija ghazlet li tixhed u qalet illi dakinhar tal-incident, x'hin waslet id-dar marret tifthila t-t-tifla u qaltilha li Elton kien stupraha. Liliana kienet qaltilha li ma marritx taghmel rapport b'rispett taghha, madankollu hija heggitha tmur taghmlu. Spjegat kif Liliana dakinhar kellha roghda kbira, bdiet tibki u kellha xi hmurha f'idejha u dbabar homor. Il-hmura li kellha kienet qisha meta bniedem jiehu tbaqbiqa. Tghid li hija ma kienitx marret maghhom sabiex isir ir-rapport u lanqas ma kienet rat ritratti.

Nhar il-11 t' Ottubru, 2021 regghet xehedet Flavia Zammit[33] in kontro-ezami. Fejn qalet illi l-appellant jigi huha u li fil-prezent ma kellhomx relazzjoni normali t'ahwa. Spjegat illi xi darba kienu hekk izda hi u r-ragel taghha hassew li gew traduti u ghalhekk kemm ta' naha kif ukoll l-ohra kienu spiccaw l-ahwa. Tiftakar li Liliana u l-appellant kienu flimkien f'Lulju/Awwissu ta' 2019 u ghamlu diversi xhur f'relazzjoni. Tghid li qatt ma kienet innutat xi haga mhux normali fir-relazzjoni taghhom. Hija qatt ma rat lill-appellant vjolenti mal-vittma. Liliana apparti dakinhar tal-incident kienet marret ghandhom dakinhar tal-*birthday* tar-ragel taghha li kien jahbat is-17 t' April.dakinhar tal-incident spjegat kif Liliana kienet marret imharbta, bdiet tibki u bir-roghda. Lilha ma kellmietix, izda kienet kellmet lil xi hadd mit-tfal taghha u lir-ragel taghha. Irrimarkat illi Liliana kienet hamranija u billi hija bajda timmarka milghajr ma hemmx bzonn li jkunu daqqiet.

---

[32] Fol. 179 et seq tal-process.
[33] Fol. 345 et seq tal-process.

**L-Ispettur Alfredo Mangion**[34] xehed nhar l-1 ta' Settembru, 2020 fejn qal li dak iz-zmien kien stazzjonat ghassa Qormi u dakinhar tal-11 t' April kien gie nfurmat mis-Surgent 610 illi kien sar rapport minghand certu Liliana Zammit li kienet qed tallega li kienet giet sesswalment abbuzata mill-ex sieheb taghha Elton Xuereb. Kien gie nfurmat li fuq il-persuna ta' Zammit anke kien hemm xi marki vizibbli. Meta giet mitkellma minn WPC 189 wahedha, kienu ttihdu wkoll xi ritratti li jinsabu minn fol. 115 sa fol, 121 tal-process. Hu kellem lil-Liliana l-ghada 12 t' April fil-prezenza ta' WPC 168 u kienet ghadha fi stat ta' xokk u kien difficli ghaliha sabiex tirrakuntalu minhabba l-istat emozzjonali li kienet fih. Hu seta' jinnota wkoll il-marki li kellha specjalment dawk ta' idejha. Liliana spjegatlu kif dakinhar tal-11 t' April hija marret ghand l-appellant fejn dan wara li offrilha xi haga x'tiekol u rrifjutat, sfurzaha sal-kamra tas-sodda fejn ippenetraha b'subajh. Hu kien arresta lill-appellant nhar il-15 t' April, 2020 fejn sussegwentament dan tal-ahhar irilaxxa wkoll stqarrija. L-appellant kien qallu li dak li sar, kien sar bil-kunsens ta' Liliana. Spjega kif sussegwentament l-appellant kien tressaq b'arrest nhar it-2 ta' Mejju, 2020.

Mistoqsi in kontro-ezami huwa kkonferma li ma kienux ghamlu tfittxijiet fil-fond tal-appellant. Huwa kkonferma wkoll li kien gie elevat ic-cellulari tal-appellant izda ma kienx hass li kien hemm il-bzonn li jigi elevat ukoll ic-cellulari ta' Liliana.

**Eunich Grech Fiorini**[35] xehedet nhar l-1 ta' Settembru, 2020 fejn hija pprezentat sentenza tat-18 ta' Frar, 2014 li kienet inghatat fil-konfront tal-appellant. Tghid li l-multa kienet thallset nhar is-6 ta' Mejju, 2016 izda kien hemm €35 li kienet giet konvertita f'habs.

L-Ispettur Mangion[36] rega' xehed in kontro-ezami nhar it-12 ta' Lulju, 2021. Huwa spjega li kien kellem lill-vittma l-ghada ghax fil-fhema tieghu ma kienx ghaqli li jkellimha dakinhar u dan stante l-fatt li kien filghaxija u ma kienitx fi stat tajjeb sabiex

[34] Fol. 187 et seq tal-process.
[35] Fol. 191 et seq tal-process.
[36] Fol. 321 et seq tal-process.

ikellimha hu. L-ghada Liliana kienet ghada taht xokk, bilqeghda izda toqmos u tirtrieghed. Jghid li meta hu kellem lil Liliana, kien hemm prezenti wkoll pulizija mara. Mistoqsi x'kien sar bejn it-12 u l-15 t' April u cioe' minn meta sar ir-rapport nhar il-11 t' April u meta hu eventwalment kellem lill-appellant nhar il-15 t' April, hu qal li kien baghat ghal hu l-allegata vittma u jaghmel il-verifiki tieghu. Jghid li kien ra ukoll xi chats li kien rcieva minghand il-vittma li kienet baghtitomlu via email u anke uritomlu mic-cellulari taghha meta beda jkellimha. Rinfaccat bil-fatt illi fl-ezami tieghu kien qal li kien kellem lil hu l-vittma wara il-15 t' April u mhux qabel u jekk fil-fatt kienx ghamel xi haga bejn it-12 u l-15 t' April, hu wiegeb li ma jafx bl-amment x'sar u ma sarx. Jghid li bhala kaz kien antipatku ghaliex sa ftit jiem qabel il-vittma u l-appellant kienu f'reazzjoni. Hu kellu quddiemu  l-verzjoni tal-vittma, ta' huha u ta'dak li beda jghid l-appellant fejn cahad l-allegazzjoni ta' stupru. Jghid li l-vittma kienet giet riferuta l-Victim Support Unit li hija l-procedura tal-korp. Jghid li fil-15 t'April hu ma kienx moralment konvint li kellu jipprocedi billi jressaq lill-appellant b'arrest u ghalhekk kien ressqu nhar it-2 ta' Mejju. Mistoqsi x'kien gara f'dan il-perjodu li kien ikkonvicih sabiex iressaq lill-appellant b'arrest apparti li kellem lil hu l-vittma, huwa qal li kellu c-cellulari tal-appellant u qara l-messaggi li kienu jikkorispondu ma dawk li kienet urietu l-vittma. Sussegwentament dan ic-cellulari gie mghoddi lill-espert. Mistoqsi jekk kienx mar fid-dar ta-appellant biex jara l-post kif inhu  jew biex jiehu xi ritratti huwa qal li ma kellux ghalxiex. Huwa qas ma hatar inkjesta magisterjali. Spjega illi l-vittma kienet hadrt il-bra maghha go envelope l-ghassa, hu kien rah u hi kienet skomda thallih u regghet haditu maghha sabiex tipprezentah quddiem il-Qorti. Hu sostna illi ma kienx hemm x'tippreserva mix-xena ta' fejn sehh l-incident. Hu jghid li illi kienet tkun inutli li jigbor xi CCTV. Jghid li la kienet adulta l-vittma, mhux prassi tal-korp li jidhlu l-Vice Squad. Mistoqsi jekk kienx kellem lil Liliana dwar il-hajja sesswali taghha mal-appellant wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi jekk dan setghex jghinu jasal jekk kienx hemm kunsens *o meno*, huwa qal li le.jghid li ma dahalx dwar il-fatt ghaliex kienu hassru l-vittma u l-appellant ghaliex hu spettur u mhux councellor. Fir—rigward ta' forensic medical experts jghid li dawn jitqabbdu meta jkun hemm penetrazzjoni u ejakulazzjoni fil-partijiet tal-vittmi, xi haga li f'dan il-kaz ma kienx hemm.

**Helenio Galea**[37] ghan-nom tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin ukoll ikkonferma li l-multa thallset izda ma setghex jghid meta.

**Il-Psikjatra Joseph Cassar**[38] xehed nhar it-28 t' Ottubru, 2020 fejn wara li ezamina lil Liliana Zammit huwa kkonferma li din kienet qed issofri minn ansjeta' u nervozi trawmatika b'rata ta' dizabbilta' ta' bejn 3% u 8%.

**L-appellant Elton Edward Xuereb**[39] xehed nhar is-27 ta' Jannar, 2022 fejn qal li kien jaf lil Liliana tramite familjari u kienu ilhom jafu lil xulxin minn meta kellhom xi seba' (7) snin. Ir-relazzjoni taghhom kienet bdiet f'jum il-Missier ta' 2019 ghax kien hemm attivita' l-ghalqa ta' missier Liliana u ltaqghu hemm. Kellhom relazzjoni tajba u avventuruza hafna, kienu johorgu kwazi kuljum. Jghid li minkejja Liliana qalet li r-relazzjoni taghhom kienet intemmet fi Frar, f'gheluq sninu u cioe' nhar l-10 ta' Marzu, 2019 hiaj kienet taghtu kartolina bil-kliem '*for many more years*', il-gizirana li qattatlu dakinhar tal-allegat akkadut u arlogg ta' valur. Spjega kif Liliana kellha gheluq sninha f' April u hargu flimkien u kien kollox normali. Huwa esebixxa quddiem l-ewwel qorti katina li kienet inqatghet fi zmien il-Milied bl-istess mod li kienet inqatghet dakinhar tal-allegat akkadut. Hu esebixxa wkoll kartolina li Liliana kienet baghtitlu f'jum San Valentinu. Spjega kif kienu jmorru l-Fawwara jinnamraw. Qabel beda johrog ma Liliana hu spjega li kien ilu f'relazzjoni ghal tlett snin u Liliana kienet ilha f'relazzjoni ghal madwar sbatax (17) -il sena. Spjega kif kien hallha lill-partner tieghu ta'dak iz-zmien tibqa' tghix ftit ghandu ghaliex kellha missierha marid u ma riedux ituh xokk. Jghid li hu baqa' f'kuntatt tajjeb ma *ex-partners* tieghu u ma kellu ghalfejn jiggieled ma hadd. Sintendi sakemm Ramona kienet ghadha qed tghix ghandu, hu u Liliana kienu jkunu hafna *weekend breaks* sabiex ikollhom il-privatezza taghhom. Fit-18 ta' Marzu, 20202 u anke wara sahansitra f' 2 t' April, Liliana bdiet tghidlu li tixtieq tmur il-Marokk. Hemm il-korrispondenza ta' Facebook Messanger fejn jirrizulta dan kollu.

[37] Fol 201 tal-process.
[38] Fol. 204 et seq tal-process.
[39] Fol. 366 et seq tal-process.

Jghid li Liliana kienet qaltlu f'19 ta' Marzu  dwar hanut tas-*sex toys* f'Haz-Zebbug.spjega kif bejniethom kienu juzaw kelma sinonima ghas-sess u cioe' l-kelma 'nirejpjak'. Hu esebixxa quddiem l-ewwel qorti numru ta' *chat logs* li jirriflettu id-diskors sesswali li kienu jiskambjaw. Jghid li l-gdim kien prezenti fil-hajja sesswali taghhom, dan kien avventuruz u erotiku u mhux biex twegga' lil dak li jkun. Spjega kif fis-6 t' April bdiet tibatlu l-kliem '*I hate you'* u li se tpattijilu u dan ghaliex kien baghat '*happy birthday'* lil ex-siehba tieghu imbghad fit-8 t' April regghu bdew jitkellmu li se jaghmlu *baby* u biex jiccajtaw tghidlu 'le'. Jghid li Liliana kienet tghir ukoll minhabba l-ex mara tieghu. Kien hemm xi zmien f'Marzu fejn kien qed jaghmel xoghol ghand l-ex mara tieghu u omm it-tfal u Liliana kienet toqghod icempillu *video-call* u hu ma kienx dejjem iwegibha ghax kien jaghmlu *loud speaker* u kienet toqghod tirritalja. Hu spjega kif graw l-affarijiet dakinhar tal-11 t' April u cioe' kif dawn fthemu li ser jiltaqghu ghandu wara li Liliana ma ridietx tmur il-Fawwara minhabba s-shana. Liliana stennietu ftit isfel sakemm wasal u x'hin telghu fuq u beda jaghmel il-hobz. Liliana qabditha fuq omm it-tfal u t-tfal u hu qalilha li ma kellux wicc haddiehor. Hu avvicina lil Liliana, bdew jitbewwsu dahlu fil-kamra tas-sodda, hi ntefghet fuq is-sodda u nehhiet hwejjigha u bdew imissu l-partijiet ta' xulxin. Hu spjega kif nehhilha l-bra bi sninu. Waqt li hu beda jdahhal subajh fil-parti taghha, hija bdiet taghmel sess orali fuqu. Imbghad qaltlu l-kelma 'ieqaf' ghal tlett darbiet u hekk ghamel. Spjega li mhix xi mara pespisella u jekk toffri rezistenza ser tinduna. Hija qabdet tilbes u qal li din kienet grat xi tlett darbiet li tissupervja mbghad terga tmur. Darba qal li kienu tard u kissret bowl fil-kcina, izda hu mhux persuna li jgibhom bi kbar.wara li telqet hu raqad ghal xi saghtejn jew tlett sieghat u wara rega beda jibatilha. Qabel raqdu huma skambjaw telefonata wkoll. Jghid li kienet xi haga komuni li huma jaghmlu li jorqdu bic-cellulari. L-ghada beda jibghatilha u ma bdietx twiegeb sakemm xi hamest ijiem wara baghat ghalih l-Ispettur. Spjega kif baqa' mbellah u kif kien qal lill-Ispettur anke sabiex jigi jara d-dar izda dan tal-ahhar ma hassx li kien hemm il-bzonn. Hu ghalhekk anke spicca ha xi ritratti. Hu kkonkluda kemm dan il-kaz kien affetwah b'mod drastiku kemm fuq xoghol u anke fuq livell personali.

In kontro-ezami jghid li wara l-10 t' April hu ma rceviex l-ebda korrispondenza minghand Liliana bil-kliem ta' 'rape'. Jghid li dakinhar tal-11 t' April is-sess gie wahdu u ma kienitx xi haga ta' bilfors. Mistoqsi jekk dakinhar ir-relazzjoni taghhom kienitx spiccat huwa wiegeb fin-negattiv. Dwar it-tbengil hu qal li Liliana bajdanija u timmarka milghajr. Mistoqsi dwar il-komportament ta' Liliana wara l-allegat akkadut jghid li hu ma jafx kif kienet ghax maghha ma kienx, madankollu, hija setghet facilment gidbet dwar dan.

**<u>Charmaine Zammit</u>**[40] xehedet nhar l-24 ta' Marzu, 2022 u nhar it-2 ta' Mejju, 2022 ghan-nom ta' Epic Communications Limited. Hija spjegat it-talba tal-appellant ma setghetx tigi milqugha u dan peress li l-informazzjoni li giet mitluba kienet *outdated*. Hija setghet tipprezenta dokument biss li juri l-*outgoing calls* u cioe' it-telefonati li jkun ghamel l-appellant biss. L-appellant esebixxa wkoll itimised bill tieghu stess.

**<u>Ivan Sultana</u>**[41] xehed quddiem din il-Qorti nhar is-17 t' Ottubru, 2024 fil-kapacita' tieghu ta' *probation officer* u pprezenta *social inquiry report*. Spjega illi tul il-proceduri kien hemm koperazzjoni minn l-appellant, dejjem mar fil-hin ghall-appuntamenti u wera nteress fihom. L-Ufficjal Prosekutur kien tenna li kien hemm koperazzjoni min-naha tal-appellant. Fir-rigward tal-fedina penali jidher li kellu hames kazijiet fil-passat, tlieta minnhom konnessi ma vetturi, wiehed fuq alkohol fejn attakka persuna t'awtorita' u kellu wkoll registrata multa li ma kienx hallasha mill-bidu, mar il-habs, hallasa u rega' gie rilaxxat wara gurnata. Bhala familja spjega li trabba fi pjutost familja normali u li l-qaghada finanzjarja kienet wahda tajba. Iddiskriva lill-appellant bhala persuna attiva u habrieka. L-ewwel relazzjoni li kellu kienet bdiet meta kellu tmintax (18) u dam fiha ghal sbatax (17)-il sena. Hu kellu t-tfal minn din ir-relazzjoni u b'permess mminn ghandu hu kien ikommunika ma omm it-tfal. Din qalet li r-relazzjoni taghha mal-appellant kienet turbulanti u intemmet minhabba xi kunflitti. Hu tkellem ukoll ma Liliana Zammit u cioe' mal-allegata vittma li anke marret tiltaqa' mieghu. Jghid li meta pprezentat ruhha, mill-ewwel kien jidher li ghaddiet minn

[40] Fol. 428 et seq ta-process.
[41] Fol. 108 et seq tal-process tal-appell.

trawma. Kienet kwieta u kellha dbabar homor fuq haddejha u ghonqha. Hija sostniet li l-iktar haga importanti li jkun hemm *closure*. Spjega kif l-appellant huwa stabbli fis-socjeta' u anke fix-xoghol. Madankollu, hu naqqas ix-xoghol ghaliex il-biza tieghu hi li ma jkunx jista' jlesti xoghol li hu jkun diga beda minhabba l-kaz. Xehed ukoll li l-appellant iltaqa' mal-mara li ghandu llum f'2022 u f'2023 zzewgu, qed joqghodu Ghawdex u ghandhom tarbija. Id-dar taghhom hi wahda nadifa u normali hafna. Kemm l-appellant, kif ukoll il-mara tieghu gew deskritti bhala nies habrieka hafna. Mistoqsi meta kien kellem lil Liliana Zammit, huwa qal li madwar gimgha qabel xehed u cioe' nhar is-17 t' Ottubru, 2024. Il-kampjuni tal-urina rrizultaw fin-negattiv ghad-droga.

**Ikkunsidrat**,

Dan il-kaz, jikkoncerna koppja li kienu f'relazzjoni u li bejniethom saru xi atti sesswali. Ma hemmx kontestazzjoni dwar li saru l-atti sesswali, l-unika kontenzjoni hija jekk dawn sarux bil-kunses taz-zewg partijiet.

Permezz tal-ewwel aggravju tieghu l-appellant isostni illi l-Qorti tal-Magistrati ghamlet evalwazzjoni parzjali tal-provi li gew prodotti u ghalhekk wasslet ghal konkluzjoni distakkata mir-rizultanzi fattwali li emergew tul il-proceduri.

Illi primarjament jinghad illi hemm qbil illi dakinhar tal-11 t' April, 2020 il-parti leza u l-appellant tkellmu b'dan tal-ahhar issugerixxa li jmorru l-Fawwara. Il-parti leza ma riditx tmur minhabba s-shana u sussegwentament iddecidew li jmorru d-dar tal-appellant. Il-parti leza waslet qabel l-appellant sakemm mar jixtri. X'hin wasal, huma telghu fuq flimkien u l-appellant ghamel bicca hobz u war tbessu. Fuq dawn il-punti ma hemm l-ebda kontestazzjoni. Il-verzjonijiet divergenti jizvolgu l-iktar wara li l-partijiet tbewsu, madankollu din il-Qorti setghet ukoll tinnota xi divergenzi ohrajn bhal per ezempju jekk dakinhar tal-11 t' April, 2020 il-parti leza u l-appellant kienux ghadhom f'relazzjoni *o meno*. Filwaqt li l-appellant jghid li hu kien ghadu f'relazzjoni mal-parti leza, din tal-ahhar tinnega dan u tghid li r-relazzjoni taghhom intemmet

f'Jannar/Frar. Din il-Qorti li zgur tista' tghid bic-cert li l-komunikazzjoni bejn il-partijietkienet ghadha ghaddeja dakinhar ta' San Valentinu u anke sussegwnetament f' Marzu u anke f' April. Sahansitra a fol. 395 et seq tal-process, din il-Qorti setghet tinnota li kien hemm diskussjonijiet b'indoli sesswali bejn il-partijiet u dan kemm nhar it-2 t' April, 2020 u anke nhar it-8 t' April, 2020, tlett ijiem qabel l-allegat akkadut.

Illi jista' jigi nnuttat illi l-parti leza u l-appellant kellhom problemi ta' fiducja fir-relazzjoni taghhom u dan min-naha tal-parti leza stante r-relazzjonijiet li l-appellant kien ghad ghandu mal-ex-mara u l-ex partner tieghu. Ma jistax ma jigix innututat ammont ta' theddid mill-parti leza fil-konfront tal-appellant u dan fil-messaggi li kienu jiskambjaw bejniethom. Il-kliem '*I hate you*' inghad diversi drabi mill-parti leza fil-konversazzjoni li kellhom il-partijiet bejniethom nhar is-6 t' April, 2020. Fl-istess data Liliana qaltlu '*Ergajna ma ramona ehhhhhh*' segwiti bil-kliem '*Ma xbajtx twaqqani ghan-nejk*'.[42] Iktar tard sahansitra tghidlu wkoll '*...Ibqa tini halli iktar iggibni bsahti biex nobodok! Iva nobodok irrid*'. Iktar kmieni fix-xahar ta' Frar jirrizulta aktar theddid u cioe' bhal meta qaltlu l-kliem '*Tiftakar meta kont tmur maghha u kont thallilha l 20€...hafna ghar min hekk se thoss int*!'. Fl-istess konversazzjoni l-parti leza tuza kliem ukoll bhal '*Adek ma tafx kif haddartni*' u '*Se thoss hafna!!! ...Wait and see*!' Fl-istess waqt din il-Qorti tifli wkoll kif dawn it-tip ta' konversazzjonijiet gili jizvolgu habta u sabta f'konversazzjonijiet sesswali bejn il-partijiet.

Din il-Qorti ma tistax ma tikkumentax dwar il-fatt ta' kif saret l-investigazzjoni f'dan il-kaz u anke dwar il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni. Dan il-kaz mhux xi wiehed novell li din il-Qorti qatt ma rat it-tip tieghu, u ghalhekk taf ben tajjeb kif jigu trattati kazijiet bhal dawn. Ghalkemm huwa minnu li n-nuqqas t'inkjesta magisterjali m'hix t'impediment la ghall-azzjoni kriminali u lanqas ghall-ammissibilta' tal-provi migbura, madankollu din il-Qorti hija tal-fhema illi kien ikun idoneju f'dan il-kaz li din isir. Huwa minnu li xhud wiehed jekk emmnut jista' jwassal lill-Qorti ghad-decizjoni taghha, madankollu jekk hemm provi ohrajn li jistghu jghinu lill-Qorti tasal ghal din id-decizjoni, il-prosekuzzjoni ghandha tressaqhom ukoll. Setghu facilment

[42] Fol. 398 tal-process.

jinhatru esperti taht il-kappa tal-inkjesta sabiex isir access u jittiehdu ritratti tal-fond fejn sar l-allegat akkadut; jinhatru esperti medici sabiex jevalwaw sew lil parti leza u l-marki li kellha fuq gisimha; *CCTV footages* biex naraw il-komportament tal-parti leza meta harget mill-fond tal-appellant; jigi kkonfermat kienx hemm xi girien li semghu xi haga fost ohrajn. F'kazijiet bhal dawn, fejn il-Qorti spiss tkun rinfaccata b'verzjonijiet kuntrastanti ghall-ahhar, huwa t'importanza kbira li jitressqu l-provi kollha li ghandhom jitressqu. In oltre, din il-Qorti mill-esperjenza taghha tghid ukoll li l-*Vice Squad* jinvestigaw kazijiet ta' dan it-tip ukoll u mhux biss kazijiet li jinvolvu minorenni.

Huwa t'interess dak li xehedet ix-xhud Dr Maria Vassallo Brincat fejn qalet iktar minn darba li hija mhux xi espert forensiku u qalet ukoll illi l-parti leza kienet qaltilha li kellha xi tghid mal-*boyfriend* taghha u kien ser jaghmel xi haga sesswali izda hija waqqfitu. Ghaldaqstant, hija kienet tal-fhema illi allura ma kienx hemm ghalfejn *gynae review* biex jaraw kienx hemm penetrazzjoni *o meno* u trattat il-kaz bhala wiehed ta' vjolenza domestika. Ghalhekk skond il-verzjoni ta' Dr Vassallo Brincat hemm dubju jekk il-parti leza qaltilix kienx hemm penetrazzjoni b'suba l-appellant. In oltre dwar il-penetrazzjoni, kien l-appellant stess li ammetta quddiem l-ewwel qorti li hu kien dahhal subajh izda x'hin il-parti leza qaltu jieqaf, hu waqaf mill-ewwel.

Jirrizulta bic-car illi l-partijiet kellhom hajja sesswali kkulurita u avventuruza, tant li jirrizulta li mhux l-ewwel darba l-parti leza spiccat b'marki fuq gisimha u dan kif jirrizulta mill-korrispondenza ta' bejniethom. Di piu', ma tistax ma ssemix kif jidher illi huwa minnu li l-parti leza bajda u timmarka milghajr. Dan ma giex ikkkonfermat biss minn Flavia Zammit u l-appellant, izda sahansitra wkoll mill-ufficjal tal-*probation* meta din marret tkellmu snin wara l-akkadut. Dan qal li setgha jinnota dbabar homor kemm fuq haddejha, kif ukoll fuq ghonqa

In vista ta' dak kollu sucitat, il-Qorti ghalhekk tinsab rinfaccata b'numru ta' divergenzi u kif gie ritenut diversi drabi, xhud jista' jigi emmnut f'dak kollu li jghid jew biss *in parte*. Fi proceduri kriminali bhal dan, filwaqt li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz

taghha 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, jekk l-appellant jidirlu li ghandu jressaq xi prova, kif f'dan il-kaz ghamel, il-livell li jrid jilhaq hu fuq livell ta' probabbilta', iktar iva milli le. Il-Qorti nnutat, xi inkonsistenzi li accenat ghalihom *supra* u tfakkar illi stante hawnhekk ninsabu fil-kamp penali, kwalunkwe dubju jimmerita favur l-appellant.

Ghal darba ohra jinghad illi l-appellant mhux jinnega li ppenetra lill-parti leza b'subajh b'subajh, izda x'hin din qaltlu biex jieqaf, hu jsostni li ghamel hekk minnufih. Min-naha l-ohra il-parti leza tghid li tant irrezistiet li ghajtet ghall-ghajnuna sakemm fl-ahhar irnexxila tizgicca. Illi l-Qorti wara li fliet l-atti, ir-retroxena tal-kaz, it-tip ta' relazzjoni u l-karattru li kellhom il-partijiet, tghid li bil-provi li ghandha quddiemha mhux moralment konvinta illi l-att sesswali li sehh dakinhar tal-11 t' April, 2020, fil-kamra tas-sodda tal-appellant sar minghajr kunsens.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, din il-Qorti qeghda tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant Elton Edward Xuereb u ghalhekk qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni aggravju minnu mressaq. Konsegwentament, tirrevoka is-sentenza tal-ewwel qorti in kwantu sabet lill-appellant hati u minflok tilliberah minn kull htija u piena.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**